# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 28 ta' Lulju 2022**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Tencho Gospodinov TENEV**

Il-Qorti,

1. Rat li dan huwa appell magħmul minn Tencho Gospodinov TENEV (aktar l-isfel magħruf bħala "l-estradant" jew "l-appellant" skont il-każ) minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti tas-27 ta' Ġunju 2022 u li permezz tagħha dik il-Qorti ordnat li l-estradant jinżamm taħt arrest biex isir ir-ritorn tiegħu lejn ir-Repubblika tal-Bulgarija skont il-Mandat tal-Arrest Ewropew maħruġ kontra tiegħu fil-15 ta' Lulju 2021.

2. Qabel xejn il-Qorti sejra tiddeċiedi il-preġudizzjali tan-nullita tal-proċeduri kollha meħuda kontra tiegħu. L-appellant jilmenta li minn imkien ma jirriżulta li l-Avukat Ġenerali iċċertifikat il-Mandat tal-Arrest Ewropew li ġie eżebit fl-atti kif kienet dovuta tagħmel bis-saħħa tar-regolament 7 tal-Avviż Legali 320 tal-2004 (aktar l-isfel magħruf bħala "l-Ordni"). Minn dan iċ-ċertifikat jirriżulta li l-Avukat Ġenerali iċċertifikat biss l-Allert maħruġ taħt is-sistema SIS II. B'hekk il-Mandat tal-Arrest Ewropew ma setgħax ikun il-bażi ta' din l-estradizzjoni in kwantu l-Avukat Ġenerali naqset milli tiċċertifikah.

3. Minbarra dan id-Difiża tilmenta li l-Uffiċjal Prosekutur filwaqt li eżebixxa ċ-ċertifikat tal-Avukat Ġenerali flimkien mal-Allert maħruġ taħt is-SIS II, huwa naqas milli jippreżenta wkoll l-informazzjoni li dan l-Allert kellu jkun akkumpanjat biha u li tkun tikkontjeni l-informazzjoni supplimentari, hekk imsejha l-A form. Dan allura jfisser li dan l-Allert ma kienx akkumpanjat minn dokument li huwa essenzjali skont il-leġislazzjoni relattiva tal-Unjoni Ewropea, b'mod li dan l-Allert mingħajr l-informazzjoni supplimentari ma setgħax jitqies li huwa Allert komplut.

4. Inoltre, d-Difiża rrilevat li l-informazzjoni fuq l-Allert innifsu kienet skarsa u inkompluta tant li bih il-Qorti ma setgħetx tiddetermina, sal-grad mistenni, li d-dettalji msemmija fl-Allert u fil-Mandat tal-Arrest Ewropew kienu jikkorrispondu. Fil-fatt fejn l-Allert jitkellem fuq "offences against the person", fil-kopja tal-Mandat tal-Arrest Ewropew eżebit ir-reat in kwistjoni huwa indikat bħala "intentional and unlawful encroachment of the sexual inviolability of the person". Din id-diskrepanza allura ma kienetx tagħti grad ta' kunfidenza meħtieġa li biha l-Qorti setgħet tikkonkludi li dak li għalih l-estradant kien rikjest bl-Allert kien jikkoinċidi ma dak li għalih qed jiġi mitlub fil-Mandat tal-Arrest Ewropew: u dan minkejja li l-Prosekuzzjoni għażlet li tipproċedi fuq l-Allert bħala l-bażi għall-azzjoni tal-estradizzjoni tagħha.

5. Id-Difiża tikkonkludi din il-preġudizzjali billi tgħid li ġaladarba intalbet iċ-ċertifikazzjoni tal-Allert sabiex tingħata bidu għal dawn il-proċeduri bl-arrest tal-estradant fis-sensi tar-regolament numru 8 tal-Ordni, il-Prosekuzzjoni kellha tassigura li flimkien maċ-ċertifikat tal-Avukat Ġenerali tiġi eżebita wkoll l-A Form relattiva skont kif imsemmi fil-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea relattiva u dak meħtieġ bir-regolament 6A(2)(b) tal-Ordni. Dan iwassal biex l-Allert ma jistax jitqies li huwa komplut u għalhekk il-bażi tal-estradizzjoni f'dan il-każ kienet monka b'mod li ġġib in-nullita tal-proċeduri meħuda kontra l-estradant.

## Ikkunsidrat

6. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni eżebiet Ċertifikat maħruġ fis-sensi tar-regolamenti 6A u 7 tal-Ordni kemm fl-ilsien Malti kif ukoll f'dak Ingliż. Eżebiet ukoll l-Allert taħt is-Sistema tal-Informazzjoni Schengen akkumpanjat bi traduzzjoni fl-Ilsien Ingliż tal-Mandat tal-Arrest Ewropew li kien mehmuż mal-Allert flimkien mal-Mandat tal-Arrest

Ewropew bl-ilsien Bulgaru kif ukoll ritratt tal-estradant li kien hemm fis-SIS.

7. Iċ-Ċertifikat a fol 12 u 13 maħruġ mill-Avukat Ġenerali ġie intestat taħt l-"Artikoli" 6A u 7 tal-Ordni. Dan jindika li l-Avukat Ġenerali kienet qegħda teżerċita s-setgħat tagħha ta' ċertifikazzjoni naxxenti minn dawk iż-żewġt artikoli.

8. Is-sistema taċ-ċertifikazzjoni ta' Allerti maħruġa taħt is-Sistema tal-Informazzjoni Schengen u ċ-ċertifikazzjoni ta' Mandati t'Arrest Ewropew li ssir mill-Avukat Ġenerali tikkonferma b'mod Uffiċjali li l-awtorità li tkun ħarġet l-Allert taħt is-Sistema tal-Informazzjoni Schengen u l-Mandat tal-Arrest Ewropew ikollha l-funzjoni li toħroġ l-Allerti jew il-Mandati t'Arrest fil-pajjiż rikjedenti u dak iċ-ċertifikat għandu jkun wieħed konkluživ f'dak li jkun juri. Din iċ-ċertifikazzjoni b'hekk tivvalida dak l-Allert jew il-Mandat t'Arrest Ewropew skont il-każ, b'mod li mbagħad bis-saħħa ta' dak iċ-ċertifikat il-Pulizija tkun tista' tipproċedi biex tarresta lill-estradant taħt id-disposizzjonijiet tar-regolament numru 8 jew 9 tal-Ordni skont il-każ; u minn hemm imbagħad tissokta l-proċedura tal-eżekuzzjoni tal-Mandat tal-Arrest Ewropew jew l-Allert skont il-każ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti.

9. Din is-sistema ta' ċertifikazzjoni dupliċi hija bażata fuq il-fatt li għall-fini ta' proċedura ta' ċediment ta' persuna rikjesta fis-sensi tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/JHA) kemm il-Mandat tal-Arrest Ewropew u kemm l-Allert (magħruf ukoll bħala it-"Twissija") jistgħu jgħoddu:

> KAPITOLU 2
> PROĊEDURA TA' ĊEDIMENT
> Artikolu 9 Trasmissjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew
>
> 1. Fejn il-lokalità ta' persuna rikjesta hi magħrufa, l-awtorità ġudizzjarja li toħroġ il-mandat tista' tittrasmetti l-mandat ta' arrest Ewropew direttament lill-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi.
>
> 2. L-awtorità ġudizzjarja li toħroġ tista', fi kwalunkwe każ, tiddeċiedi li toħroġ twissija għall-persuna rikjesta fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS).
>
> 3. Twissija bħal din għandha tiġi magħmula skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 95 tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 fuq it-tneħħija gradwali ta' kontrolli fi

fruntieri komuni. Twissija fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għandha tkun ekwivalenti għal mandat ta' arrest Ewropew akkompanjat mill-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 8(1).

Għal perjodu transitorju, sakemm l-SIS hi kapaċi li titrasmetti l-informazzjoni kollha deskritta fl-Artikolu 8, it-twissija għandha tkun ekwivalenti għal mandat ta' arrest Ewropew pendenti r-riċevuta ta' l-oriġinali fil-forma xierqa u kif suppost mill-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi.

10. Din ir-regola ġiet trasposta fir-regolament 6A tal-Ordni, li jipprovdi li:

6A.(1) Dan l-artikolu japplika f'każ meta jinħareġ allert taħt l-Artikolu 26 tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen minn awtorità ta' pajjiż skedat.

(2) F'dak il-każ, dan l-Ordni japplika bħallikieku –
(a) dak l-allert kien mandat taħt it-Taqsima II maħruġ mill-awtorità, sakemm l-oriġinal jasal fil-forma proprja tiegħu kif imiss;
(b) kull informazzjoni li tintbagħat flimkien mal-allert u li jkollha x'taqsam mal-każ kienet inkluża fil-mandat.

(3) Kif applikat bis-subartikolu (2), dan l-Ordni għandu jseħħ b'dawn il-bidliet li ġejjin –
(a) fl-artikolu 7 minflok il-kliem "li toħroġ mandati ta'arrest" għandhom jidħlu l-kliem "li titlob il-ħruġ ta'allerti";

(4) Allert taħt l-Artikolu 26 hu dak l-allert li jinħareġ konformement mal-Artikolu 26 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II).

11. Ta' min jinnota li l-mod kif ġie traspost dan l-artikolu 9 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/JHA) kemm il-Mandat tal-Arrest Ewropew ma jagħmilx distinzjoni bejn perjodu tranżitorju u dak regolari. Allert jew Twissija tkun ekwivalenti għal Mandat ta' Arrest Ewropew akkumpanjat mill-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 8(1) ta' din id-Deċiżjoni Kwadru. Dment li l-Allert ikun jissodisfa dawn ir-rekwiżiti jista' jitqies li għandu eżekutibbilita bħal dik ta' Mandat t'Arrest Ewropew. B'hekk fil-Liġi Maltija, Allert waħdu – fis-sensi tar-regolament 6A tal-Ordni - jista' jservi ta' bażi għal proċedura ta' ċediment ta' persuna fl-Unjoni Ewropea. Huwa għalhekk li s-sistema taċ-ċertifikazzjoni maħluqa mill-Ordni tista' ssir kemm fil-każ ta' ħruġ ta' Allert u kif ukoll fil-każ ta' Mandat ta' Arrest Ewropew. Din iċ-ċertifikazzjoni tista' wkoll tkun maħruġa separatament mill-Avukat Ġenerali dipendenti fuq liema

wieħed minn dawn id-dokumenti jkunu jirriżultaw maħruġa u riċevuti minnha.

12. F'dan il-każ l-Avukat Ġenerali, għalkemm intestat iċ-ċertifikat tagħha taħt ir-regolamenti 6A u 7 tal-Ordni, għaddiet biex għamlet iċ-ċertifikazzjoni tagħha bil-mod segwenti:

> Niċċertifika li id-*District Prosecutor's Office ġewwa Haskovo, l-Bulgarija,* l-awtorita li fuq it-talba tagħha nħareġ l-allert għal Tenev Tencho Gospodinov, ta' nazzjonalita' Bulgara, imwieled ġewwa Haskovo, il-Bulgarija nhar il-20 ta' Marzu 1975, għandha l-funzjoni li titlob il-ħruġ tal-allerti ġewwa l-Bulgarija.

13. Minn din iċ-ċertifikazzjoni jemerġi li f'dan il-każ l-Avukat Ġenerali ddeċidiet li tiċċertifika unikament l-Allert maħruġ taħt is-Sistema tal-Informazzjoni Schengen mingħajr ma ħarġet ukoll iċ-ċertifikazzjoni għall-Mandat tal-Arrest Ewropew. Din hija deċiżjoni li l-Avukat Ġenerali setgħet legalment tieħu in kwantu din iċ-ċertifikazzjoni tista' ssir kemm taħt ir-regolament 6A kif ukoll taħt ir-regolament 7 tal-Ordni.

14. Il-ħruġ tal-Allert jista' jkun mezz iżjed effiċjenti biex tittieħed azzjoni fl-iqsar żmien possibbli fil-konfront ta' estradant li jkun irid jiġi rintraċċjat u arrestat. Bis-saħħa tal-Allert, ikun possibbli għall-Prosekutur li jipproċedi bil-miżuri tal-arrest anke qabel ma l-Mandat tal-Arrest Ewropew jasallu fil-forma proprja tiegħu kif imiss. Huwa għalhekk li l-Avukat Ġenerali tkun tista' toħroġ iċ-ċertifikazzjoni tagħha bażata biss fuq l-Allert fis-sensi tar-regolament 6A tal-Ordni anke qabel ma jkun waslilha l-Mandat innifsu fil-forma proprja kif imiss. Infatti minbarra ċ-ċertifikazzjoni tal-Allert li tista' ssir taħt ir-regolament 6A tal-Ordni, ir-regolament 7 imbagħad jippreskrivi s-setgħa tal-Avukat Ġenerali li tkun tista' tipproċedi biċ-ċertifikazzjoni relattiva għall-Mandat tal-Arrest Ewropew:

> 7.L-Avukat Ġenerali jista', skond ma jkun jaħsibha hu personalment, joħroġ ċertifikat li juri li l-awtorità li tkun ħarġet mandat taħt it-Taqsima II ikollha l-funzjoni li toħroġ mandati ta' arrest fil-pajjiż rikjedenti u dak iċ-ċertifikat għandu jkun wieħed konklużiv f'dak li jkun juri.

15. Dawn iċ-ċertifikazzjonijiet jistgħu allura jsiru separatament. Iċ-ċertifikazzjoni taħt regolament minnhom ma ġġibx awtomatikament ċertifikazzjoni taħt ir-regolament l-ieħor. Għalkemm iż-żewġt regolamenti 6A u 7 tal-Ordni jagħtu s-setgħa lill-Avukat Ġenerali li toħroġ ċertifikazzjoni taħthom, l-att taċ-ċertifikazzjoni per se huwa speċifiku għal dak ir-regolament partikolari. Il-fatt li l-Avukat Ġenerali

tkun għamlet il-proċedura ta' ċertifikazzjoni taħt ir-regolament 6A u ssemmi li l-Awtorita li tkun ħarġet l-allert ikollha fil-fatt is-setgħa li toħroġ Allerti fil-ġurisdizzjoni estera partikolari ma jwassalx ukoll awtomatikament biex dak il-proċess ta' ċertifikazzjoni jista' jitqies ukoll li sar b'riferenza għal dak li jipprovdi r-regolament 7 tal-Ordni. Iżda b'daqshekk ma jfissirx li l-proċedura għall-proċediment taħt l-Ordni tkun monka u dan peress li bis-saħħa tar-regolament 6A tal-Ordni biċ-ċertifikazzjoni tal-Allert, ikun possibbli li tittieħed l-azzjoni kontemplata kontra l-estradant fis-sensi tal-Ordni daqslikieku kienet saret taħt il-proċedura taċ-ċertifikazzjoni tal-Mandat tal-Arrest Ewropew.

16. F'dan il-każ allura jirriżulta li ċ-Ċertifikazzjoni minn naħa tal-Avukat Ġenerali, u allura dik li sservi bħala l-bażi tal-azzjoni ġudizzjarja li tikkonsegwi – kemm kwantu għall-arrest tal-estradant taħt ir-regolamenti 8 jew 9 tal-Ordni, kif ukoll is-segwenti azzjoni għall-eżekuzzjoni tal-Allert jew tal-Mandat t'Arrest Ewropew skont il-każ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti – saret in bażi għall-Allert maħruġ taħt is-Sistema tal-Informazzjoni Schengen in bażi għar-regolament 6A tal-Ordni u mhux ukoll fuq il-Mandat tal-Arrest Ewropew taħt ir-regolament 7 tal-Ordni. Dan allura jfisser li l-bażi legali li fuqha ittieħdet il-kumplament tal-azzjoni in eżekuzzjoni għal dak l-Allert, kienet bażata fuq dak l-Allert maħruġ taħt is-Sistema tal-Informazzjoni Schengen. Dan l-Allert jassumi għalhekk il-bażi tal-azzjoni li ttieħdet mill-Prosekuzzjoni f'dan il-każ quddiem il-Qorti Rimandanti.

17. Issa għalkemm dan il-punt partikolari li jsawwar il-meritu tal-preġudizzjali tad-Difiża ma kienx ġie sollevat quddiem il-Qorti Rimandanti, trattandosi ta' punt li jolqot il-bażi innifisha tal-proċedura taċ-ċediment, din il-Qorti tqis li dal-punt sollevat mid-Difiża jista', anzi għandu, jiġi mistħarreġ inkluż fi stadju ta' appell in kwantu jekk il-bażi li fuqha tistrieħ il-proċedura ta' ċediment mhix rispettuża tar-rekwiżiti bażiċi tal-Leġislazzjoni lokali u dik komunitarja, allura t-treġġiegħ lura tal-estradant ma jkunx jista' jseħħ.

18. Qabel xejn, punt kardinali li jirregola dawn il-proċeduri jemerġi mill-ħsieb innifsu wara l-promulgazzjoni tal-Mandat tal-Arrest Ewropew u t-tqegħid fis-seħħ tas-SIS u SIS II. Kif intqal fis-sentenza tas-Supreme Court tar-Renju Unit : **Konecny (Appellant) v District Court in Brno-Venkov, Czech Republic (Respondent)**[1]

[1] [2019] UKSC 8 appell minn [2017] EWHC 2360 (Admin).

> 10. The European Union system for the surrender of a requested person for the purposes of conducting a criminal prosecution or executing a custodial sentence or detention order is established by the Framework Decision as amended. The recitals in the preamble make clear that its objective is to abolish extradition between member states and replace it by a system of surrender between judicial authorities. It was intended that the introduction of a new simplified system of surrender of sentenced or suspected persons for the purposes of execution or prosecution should make it possible to remove the complexity and potential for delay inherent in previous extradition procedures (recital (5)). The mechanism of the EAW is based on a high level of confidence between member states (recital (10)). In relations between member states the EAW was intended to replace all the previous instruments concerning extradition (recital (11)).

19. L-eżekuzzjoni tal-Mandati tal-Arrest Ewropej u l-Allerti huma bażati fuq fiduċja reċiproka li għandu jkun hemm bejn l-Awtoritajiet Ġudizzjarji Ewropej liema proċedura tibqa' soġġetta għall-osservanza tar-regoli bażiċi tad-Dritt. Peress li l-Ordni ftit li xejn jitratta l-istrument speċifiku tal-Allert, biex il-Qorti tkun tista' tagħrbel il-meritu tal-preġudizzjali sollevata huwa meħtieġ li tistħarreġ ukoll ir-regolamentazzjoni komunitarja dwaru.

20. L-Allert eżebit a fol 14 jikkontjeni informazzjoni skarsa. Jingħad li Tencho Gospodinov TENEV qed jiġi mitlub mill-Awtoritajiet Bulgari in konnessjoni ma "Offences against the person". Ma dan l-Allert jirriżulta li ġew mehmuża kopja tal-Mandat tal-Arrest Ewropew maħruġ fis-17 ta' Lulju 2021 tradott fl-ilsien ingliż u dak maħruġ bl-ilsien Bulgaru. A fol 40 il-Prosekuzzjoni eżebiet il- M Form – Miscellaneous Information. Iżda minn imkien ma jirriżulta li ġiet eżebita l-A Form – "Supplementary Information" li tmur mal-Allert. Il-Prosekuzzjoni matul it-trattazzjoni ta' dan l-appell saħqet li hija kellha għad-disposizzjoni tagħha din il-formola u kienet disponibbli għaliha biex tippreżentaha; iżda ġara li ma preżentathiex quddiem il-Qorti Rimandanti. B'hekk l-argument sollevat mid-Difiża f'dan il-każ huwa li peress li l-A Form kienet meħtieġa ad validitatem li tiġi inkluża mal-Allert, in-nuqqas tagħha jimporta n-nullita tal-proċedura tal-estradizzjoni in kwantu l-bażi tal-azzjoni f'dan il-każ, iġifieri l-Allert komplut bid-dettalji tal-każ, kienet nieqsa. L-Avukat Ġenerali mill-banda l-oħra ssostni li dan mhux il-każ in kwantu f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni ippreżentat il-Mandat tal-Arrest Ewropew innifsu tradott fl-ilsien ingliż flimkien mal-Allert, kif ukoll li ċ-ċertifikazzjoni tal-istess Mandat kienet saret skont il-Liġi in kwantu ċ-ċertifikazzjoni saret in bażi għar-regolamenti 6A u 7 tal-Ordni u mhux taħt ir-regolament 6A biss.

21. Kwantu għat-tieni punt sollevat mill-Prosekuzzjoni din il-Qorti diġa stqarret li f'dan il-każ, iċ-ċertifikazzjoni tal-Avukat Ġenerali kjarament saret in bażi għal dak mistqarr fiċ-ċertifikat innifsu, iġifieri li dan inħareġ fuq il-bażi tal-Allert. Biss kif ingħad dan il-fatt waħdu u ċjoe li ċ-ċertifikazzjoni tal-Avukat Ġenerali saret biss in bażi għall-Allert ma ġġibx difett fil-proċedura, dment li r-rekwiżiti bażiċi li jsawwar l-Allert ikunu ġew sodisfatti. Stante li l-Ordni ma jispjegax dan il-punt, il-Qorti trid tistħarreġ il-leġislazzjoni komunitarja biex tara jekk u safejn huwa meħtieġ li għall-fini tal-proċedura tal-eżekuzzjoni tal-Mandat tal-Arrest Ewropew bażata fuq Allert - flimkien mal-Allert hux meħtieġ li tiġi wkoll mogħtija lil Qorti Rimandanti l-A Form; u dan meta, bħal ma ġara fil-każ ta' Malta, l-azzjoni għall-estradizzjoni issa hija bażata fuq l-Allert fis-sensi tar-regolament 6A tal-Ordni.

22. Rikapitulazzjoni tar-regolament 6A tal-Ordni:

> (1) Dan l-artikolu japplika f'każ meta jinħareġ allert taħt l-Artikolu 26 tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen minn awtorità ta' pajjiż skedat.
>
> (2) F'dak il-każ, dan l-Ordni japplika bħallikieku –
> (a) dak l-allert kien mandat taħt it-Taqsima II maħruġ mill-awtorità, sakemm l-oriġinal jasal fil-forma proprja tiegħu kif imiss;
> (b) kull informazzjoni li tintbagħat flimkien mal-allert u li jkollha x'taqsam mal-każ kienet inkluża fil-mandat.
>
> .......
>
> 4) Allert taħt l-Artikolu 26 hu dak l-allert li jinħareġ konformement mal-Artikolu 26 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II).

23. Minn dan ir-regolament jemerġi ċar li għall-fini tal-Liġi Maltija, l-Allert għandu jinftiehem bħala dik it-Twissija maħruġa taħt l-artikolu 26 tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Dan ir-regolament 6A tal-Ordni ma jagħmel ebda riferenza għall-formola A jew li l-informazzjoni imsemmija fis-subregolament 2(b) tiegħu trid bilfors tkun komunikata bil-formola A. L-enfażi tal-Liġi ssir fuq li l-Allert ikollu l-**informazzjoni** li tintbagħat flimkien mal-allert u li jkollha x'taqsam mal-każ kienet inkluża fil-mandat. U allura fil-każ fejn dik l-informazzjoni tkun tinsab kontenuta fil-kopja tal-Mandat t'Arrest Ewropew li jkun inserit fis-SIS u li wkoll kopja tiegħu tkun ġiet trasmessa lil Qorti Rimandanti (fil-lingwa Maltija jew Ingliża – lingwi li Malta għażlet għal-fini ta' notifika) – ir-rekwiżiti tar-regolament 6A tal-Ordni għandhom jitqiesu li huma sodisfatti. Wara kollox l-

informazzjoni rikjesta li tkun trasmessa bil-formola A għandha tkun l-istess dik li tinsab fil-Mandat t'Arrest Ewropew innifsu u li l-ħruġ tiegħu ikun ippreċediha. B'hekk dment li l-Allert ikun akkumpanjat bil-kopja tal-Mandat tal-Arrest Ewropew oriġinali debitament tradott fl-ilsien ingliż jew Malti, m'hemmx ħtieġa li tkun preżentata lil-Qorti wkoll il-formola A.

24. Din l-interpretazzjoni hija in linea mar-rekwiżiti imsemmija fil-leġislazzjoni komunitarja dwar dan is-suġġett.

25. Intant, din il-proċedura odjerna taf il-bidu tagħha f'Lulju 2021 u għalhekk għall-fini ta' kompletezza huwa meħtieġ li jiġu analizzati kemm id-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen Tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) kif ukoll ir-REGOLAMENT (UE) 2018/1862 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE li ġie fis-seħħ b'mod sħiħ f'Diċembru 2021. Peress li dan il-każ jitratta proċedura ta' ċediment ta' persuna rikjesta bejn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, il-proċedura li trid tiġi segwita hija dik regolata b'dawk l-artikoli relattivi għall-proċedura ta' ċediment, aktar milli dawk li jitrattaw l-estradizzjoni lejn jew minn pajjiżi terzi.

26. L-artikolu 26 tad-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen Tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) jgħid hekk:

> KAPITOLU V
>
> ALLERTI FIR-RIGWARD TA' PERSUNI MFITTXIJA GĦAL ARREST GĦAL FINIJIET TA' KONSENJA JEW TA' ESTRADIZZJONI
>
> Artikolu 26
>
> Objettivi u kondizzjonijiet biex jinħarġu allerti
>
> 1. Data dwar persuni mfittxijin għall-arrest għall-finijiet ta' konsenja abbażi ta' Mandat ta' Arrest Ewropew jew imfittxijin għal arrest għal finijiet ta'

estradizzjoni għandha tiddaħħal fuq it-talba ta' l-awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat Membru li jkun qed joħroġ l-allert.

2. Data dwar persuni mfittxija għal arrest għal finijiet ta' konsenja għandha wkoll tiddaħħal abbażi ta' mandati ta' arrest maħruġa skond Ftehim konklużi bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi abbażi ta' l-Artikoli 24 u 38 tat-Trattat dwar l-UE għall-fini tal-konsenja ta' persuni abbażi ta' mandat ta' arrest li jipprevedu t-trasmissjoni ta' tali mandat ta' arrest permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

27. Imbagħad l-artikolu 27 ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 kienet ukoll iżżid is-segwenti:

Artikolu 27

Data addizzjonali dwar persuni mfittxija għal arrest għal finijiet ta' konsenja

1. Jekk persuna tkun imfittxija għal arrest għal finijiet ta' konsenja abbażi ta' Mandat ta' Arrest Ewropew, l-Istat Membru li jkun qed joħroġ l-allert għandu jdaħħal fis-SIS II kopja ta' l-oriġinal tal-Mandat ta' Arrest Ewropew.

2. L-Istat Membru li qed joħroġ l-allert jista' jdaħħal kopja ta' traduzzjoni ta' Mandat ta' Arrest Ewropew f'lingwa uffiċjali waħda oħra jew aktar ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 28

Informazzjoni supplimentari dwar persuni mfittxija għal arrest għal finijiet ta' konsenja

L-Istat Membru li jkun daħħal l-allert fis-SIS II għal arrest għal finijiet ta' konsenja għandu jikkomunika l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI lill-Istati Membri kollha permezz ta' l-iskambju ta' informazzjoni supplimentari.
....

Artikolu 30

Konverżjoni ta' allerti dwar persuni mfittxija għal arrest għal finijiet ta' konsenja jew ta' estradizzjoni

Jekk arrest ma jkunx jista' jsir jew minħabba li Stat Membru li jkun intalab jirrifjuta skond il-proċeduri dwar l-immarkar stipulati fl-Artikoli 24 jew 25, jew minħabba li, fil-każ ta' allert għal arrest għal finijiet ta' estradizzjoni, ma tkunx tlestiet investigazzjoni, l-Istat Membru li jkun intalab għandu jqis l-allert bħala wieħed għall-finijiet tal-komunikazzjoni ta' l-inħawi fejn tkun tinsab il-persuna kkonċernata.

Artikolu 31

Esekuzzjoni ta’ azzjoni abbażi ta’ allert dwar persuna mfittxija għal arrest bil-ħsieb ta’ konsenja jew ta’ estradizzjoni

1. Fejn din id-Deċiżjoni Kwadru tkun tapplika, allert imdaħħal fis-SIS II skond l-Artikolu 26 flimkien mad-data addizzjonali msemmija fl-Artikolu 27, għandu jikkostitwixxi u jkollu l-istess effett bħal Mandat ta’ Arrest Ewropew maħruġ skond id-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI.

2. Fejn ma tapplikax id-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI, allert imdaħħal fis-SIS II skond l-Artikoli 26 u 29 għandu jkollu l-istess forza legali bħal talba għal arrest proviżorju taħt l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni tat13 ta’ Diċembru 1957 jew l-Artikolu 15 tat-Trattat tal-Benelux rigward Estradizzjoni u Assistenza Reċiproka f’Materji Kriminali tas-27 ta’ Ġunju 1962.

28. Fid-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI ta’ l-4 ta’ Marzu 2008 li tadotta l-Manwal SIRENE u miżuri oħra ta’ implimentazzjoni tas-Sistema ta’ Informazzjoni (SIS II) ta’ Schengen tat-tieni ġenerazzjoni ġie spjegat kif din is-sistema għandha titħaddem, inkluż x’dokumenti u formoli għandhom jintbagħatu jew jiġu proċessati:

3. TWISSIJIET TA’ ARREST GĦAL FINIJIET TA’ KONSENJA JEW ESTRADIZZJONI (ARTIKOLU 26 TADDEĊIŻJONI SIS II)

Għandhom jitqiesu l-passi li ġejjin:
— Id-dħul ta’ twissija
— Kontroll għal twissijiet multipli
— Identità użata ħażin
— Id-dħul ta’ isem fittizju
— Informazzjzoni supplimentari li għandha tintbagħat lil Stati Membri
— Iż-żieda ta’ bandiera
— Azzjoni minn Uffiċċju SIRENE mal-wasla ta’ twissija ta’ arrest
— L-iskambju ta’ informazzjoni wara hit.

3.1. Id-dħul ta’ twissija

Il-parti l-kbira tat-twissijiet ta’ arrest ikunu akkumpanjati b’Mandat Ewropew ta’ Arrest.
Iżda, skond twissija ta’ arrest, arrest provviżorju huwa wkoll possibbli qabel ma tintlaqa’ Talba għal Estradizzjoni (ER).
L-EAW/ER għandhom jinħarġu minn awtorità ġudizzjarja awtorizzata li teżegwixxi din il-funzjoni fl-Istat Membru emittenti.
Meta tiddaħħal twissija ta’ arrest għall-finijiet ta’ konsenja, kopja ta’ l-EAW għandha tiddaħħal bħala żieda fisSIS II.
Għandha tiddaħħal kopja tradotta ta’ l-EAW f’waħda mil-lingwi uffiċjali jew aktar ta’ l-istituzzjonijiet ta’ l-UE.

Barra minn hekk, ritratti u marki tas-swaba' tal-persuna għandhom jiżdiedu mas-twissija meta dawn ikunu jistgħu jinkisbu.
L-informazzjoni rilevanti, inklużi l-EAW jew l-ER, mogħtija fir-rigward ta' persuni mfittxija għall-finijiet ta' arrest għal konsenja jew estradizzjoni, għandha tkun tista' tinkiseb mill-Uffiċċju SIRENE meta tiddaħħal it-twissija.
Għandu jkun hemm kontroll biex ikun żgurat li l-informazzjoni tkun kompluta u ppreżentata b'mod korrett.
Stati Membri għandhom ikunu jistgħu idaħħlu aktar minn EAW wieħed għal kull twissija ta' arrest.
Tkun ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri li jħassru EAW li jitlef il-validità tiegħu u li jaraw jekk ikunx hemm Mandati Ewropej ta' Arrest oħra mehmuża mat-twissija u li jestendu t-twissija jekk ikun meħtieġ.
Twissijiet ta' arrest jista' jkollhom fajl binarju wieħed għal kull EAW. Stati Membri għandhom ikunu jistgħu jehmżu traduzzjonijiet għal kull Mandat Ewropew ta' Arrest li huma jehmżu u, jekk ikun meħtieġ, f'fajls binarji separati.
Għal dokumenti PDF skanjati li jkollhom jinthemżu ma' twissijiet, kemm jista' jkun għandha tintuża riżoluzzjoni minima ta' 150 DPI.

3.2. Twissijiet Multipli

Għal proċeduri ġenerali ara s-sezzjoni 2.2.

Barra minn dan, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

Diversi Stati Membri jistgħu jdaħħlu twissija ta' arrest għall-istess persuna.
Jekk Stat Membru wieħed jew aktar ikunu ħarġu twissija għall-istess persuna, id-deċiżjoni li fuqha l-mandat għandu jkun eżekwit fil-każ ta' arrest għandha tittieħed mill-awtorità ġudizzjarja eżekutanti fl-Istat Membru fejn ikun se jsir l-arrest.

Kompatibbiltà ta' twissijiet ta' arrest
Twissijiet ta' arrest huma kompatibbli ma' twissijiet ta' ċaħda ta' dħul, twissijiet dwar persuni nieqsa u twissijiet għal proċedura ġudizzjarja.
M'humiex kompatibbli ma' twissijiet għal kontrolli.
Twissijiet ta' arrest għandhom jiddaħħlu mill-ewwel mingħajr ma joqogħdu jistennew ir-riżultat ta' xi konsultazzjoni ma' Stati Membri oħra.

3.3. Identità użata ħażin
Ara l-proċedura ġenerali fis-sezzjoni 2.11.1.

3.4. Id-dħul ta' isem fittizju
Ara l-proċedura ġenerali fis-sezzjoni 2.11.2.

3.5. Informazzjoni Supplimentari li għandha tintbagħat lil Stati Membri
Meta tkun qed tinħareġ twissija, l-informazzjoni supplimentari dwar it-twissija għandha tintbagħat lill-Istati Membri kollha.
L-informazzjoni msemmija fis-sezzjonijiet 3.5.1 u 3.5.2 għandha tintbagħat lill-Uffiċċji SIRENE l-oħra bl-aktar mod malajr disponibbli.

Kull informazzjoni addizzjonali meħtieġa għall-finijiet ta' identifikazzjoni għandha tintbagħat wara konsultazzjoni u/jew fuq talba ta' Stat Membru ieħor.

Fil-każ fejn diversi EAWs jew ERs ikunu jeżistu għall-istess persuna, għandhom jitlestew formoli A separati għal kull EAW jew ER.
Għandu jkun hemm dettalji biżżejjed fl-EAW/ER u fil-formola A (b'mod partikulari fis-sezzjoni (e) ta' l-EAW: "deskrizzjoni taċ-ċirkustanzi li fihom ir-reat(i) kien(u) imwettaq/imwettqa, inklużi l-ħin u l-lok", fit-taqsima 044: "deskrizzjoni ta' l-għemejjel") għal Uffiċċji SIRENE oħra biex jivverifikaw it-twissija. Iżda l-informazzjoni meħtieġa biss għandha tkun skambjata.

3.5.1. Informazzjoni Supplimentari li għandha tintbagħat dwar EAW
Il-formola A għandu jkun fiha mill-anqas l-istess informazzjoni bħal dik fl-EAW.
L-informazzjoni fit-taqsima 044 għandu jkollha ġabra fil-qosor taċ-ċirkustanzi.

F'formola A:
— 239: Għandu jkun indikat li l-formola tirrelata biss ma' EAW.
— 272: Għandu jiddaħħal numru ta' sekwenza ta' l-EAW biex jiddistingwi d-diversi EAWs għall-istess persuna.
— 006-013, 266, 275, 237-238 u 050-061: Għandha tiddaħħal l-informazzjoni rilevanti mqiegħda fis-SIS II u li tkun tikkorrispondi mas-sezzjoni (a) ta' l-EAW.
— 030-033 u 251-259: Għandha tiddaħħal l-informazzjoni rilevanti mis-sezzjoni (i) ta' l-EAW.
— 240-241 and 035-037: għandha tiddaħħal l-informazzjoni rilevanti mis-sezzjoni (b) ta' l-EAW
— 034, 038, 039: Għandha tiddaħħal l-informazzjoni mis-sezzjoni (ċ) ta' l-EAW
— 243-244: Għandha tiddaħħal l-informazzjoni mis-sezzjoni (d) ta' l-EAW. Jekk ma kienx hemm deċiżjoni in absentia, it-taqsimiet għandhom jitħallew vojta. Fit-taqsima 244 tista' tiddaħħal deskrizzjoni qasira mingħajr ma jkun ikkopjat it-test tal-liġi.
— 245, 247, 040-045 u 047: Għandha tiddaħħal informazzjoni mis-sezzjoni (e) ta' l-EAW
— 267: Għandha tiddaħħal informazzjoni mis-sezzjoni (f). It-test tad-dispożizzjonijiet legali rilevanti m'għandhomx ikunu kkopjati.
— 249: Għandha tiddaħħal l-informazzjoni rilevanti mis-sezzjoni (g). Jekk ma jkunx hemm talba għal qbid ta' proprjetà, it-taqsima għandha titħalla vojta.
— 250: Għandha tiddaħħal l-informazzjoni rilevanti mis-sezzjoni (g). Jekk ikun magħruf, għandu jissemma' wkoll il-post fejn tkun tinsab il-proprjetà.
— 268: Għandha tiddaħħal l-informazzjoni rilevanti mis-sezzjoni (h).
— 260-264: Għandha tiddaħħal l-informazzjoni rilevanti mis-sezzjoni (i).
— 269-271: Għandha tiddaħħal l-informazzjoni rilevanti mis-sezzjoni (i) imma fil-każ biss li din tkun differenti mit-taqsimiet 251, 252 u 032).
— 400 and 403: Jistgħu jinthemżu dokumenti addizzjonali.

29. Minn dan ix-xenarju jirriżulta li biex titħaddem din is-sistema hemm bżonn skambju t'informazzjoni bejn l-Istati Membri li, bosta drabi jkollhom liġijiet sostantivi u ta' proċedura penali differenti. Biex jiġi faċilitat dan l-iskambju t'informazzjoni ġie ritenut meħtieġ li jkun hemm eżerċizzju ta' standardizzazzjoni fil-proċeduri u l-informazzjoni li tkun trid tiġi sottomessa. Dan allura kien jinvolvi, inter alia, l-użu ta' formoli speċifiċi, bħal formola A, formola G, formola H, formola M, eċċetra, b'mod li s-SIRENE Bureaux jifhmu lil xulxin aħjar u jkunu jistgħu jipproċessaw l-informazzjoni riċevuta kemm jista' jkun b'mezzi li jkunu jixtiebħu u jwettqu l-kelma u l-ispirtu tal-liġijiet ewropej f'dan il-qasam.

30. Dan huwa rifless ukoll fil-linji gwida provduti mill-Kummissjoni Ewropea dwar kif jinħareġ u jiġi eżegwit Mandat t'Arrest Ewropew skont il-Commission Notice — Handbook on how to issue and execute a European arrest warrant (2017/C 335/01). Dan jipprovdi informazzjoni dwar kif Mandat t'Arrest Ewropew għandu jiġu maħruġ, l-informazzjoni li trid tingħata lill-Istati Membri u dik li tkun trid tiġi komunikata lill-Awtoritajiet Ġudizzjarji li jkunu qegħdin iwetqu l-Mandat, fil-każ Malti, lil Qorti Rimandanti. Jingħad hekk:

> 3.2. Filling in the EAW form
> Detailed guidelines on filling in the EAW form are set out in Annex III.
>
> 3.2.1. Information that is always necessary
>
> The executing judicial authority should always have the minimum necessary information to allow it to decide on surrender (see Article 15(2) of the Framework Decision on EAW). In particular, the executing judicial authority needs to be able to confirm the identity of the person and evaluate whether any of the grounds for non-execution apply. Thus the issuing judicial authority should pay particular attention to the description of the offence(s) on the EAW form.
>
> The exact information to be provided depends on the circumstances in each case. However, it is good to bear in mind that the executing judicial authority might know little or nothing about the case underlying the EAW or the issuing Member State's legal system. Therefore, it is vital that issuing judicial authorities ensure that the information in the EAW is clear, correct and comprehensive. If the EAW form is properly filled in, no additional documents are required.
> Experience has shown that requests for further information between the issuing and executing judicial authorities are one of the primary causes of delays in the execution of EAWs. This often results in the time limits set out in the Framework Decision on EAW being exceeded (see Section 4.1 on time limits).

3.2.2. Useful supplementary information from the issuing judicial authority Photographs and fingerprints of the requested person must be added to the SIS alert, where available. Furthermore, the contact details and the mobile phone number of the duty office and person responsible should always be given, so that they can be notified immediately, whatever time of day the requested person is found.

Whenever it is likely that the executing Member State will require guarantees by the issuing Member State on the basis of Article 5 of the Framework Decision on EAW, it is advisable to add the relevant information to the EAW. For example, the issuing judicial authority might already indicate its consent to return the requested person to the executing Member State under specified conditions (see Section 5.8).

3.3. Transmitting the EAW

The procedure for transmitting the EAW depends on whether the issuing judicial authority knows the whereabouts of the requested person (Article 9 of the Framework Decision on EAW). In most cases the person's location is unknown or uncertain and the EAW should be transmitted to all Member States via the SIS. Even when the person's location is known the issuing judicial authority may decide to issue an alert in the SIS (Article 9(2) of the Framework Decision on EAW).

3.3.1. When the location of the requested person is unknown When the location of the requested person is unknown the EAW should be transmitted to all Member States. To that end, an alert for arrest or surrender should be created in the SIS in accordance with Article 26 of SIS II Decision. It is important to emphasise that the issuing judicial authority must issue the EAW before the alert can be entered into the SIS.

The issuing judicial authority should, where appropriate, send a copy of the original EAW and all relevant information concerning the person to the national SIRENE Bureau, via the competent police authority.

The SIRENE Bureau of the issuing Member State checks whether the information is complete (for instance, whether photographs and fingerprints are available and can be attached), attaches the copy of the original EAW to the alert and a translation, if available, and validates the entry of the alert in the SIS. In addition, the SIRENE Bureau communicates the contents of the EAW to all other SIRENE Bureaux through the exchange of supplementary information (A form). The A form is issued in English. It is important to indicate in the A form (field 311) if the search for the person is limited to the territories of certain Member States only (geographical search).

Upon receipt of the A form, all other SIRENE Bureaux verify whether the information provided in the A form and the EAW is complete. In accordance with Article 25 of the SIS II Decision the SIRENE Bureaux may also, under judicial supervision, check whether it is obvious that the execution of the EAW will have to be refused and, if it is, add a ‘flag’ to the alert preventing the arrest. During this verification process, the alert should continue to be available to users. If a Member State does not execute the EAW and

therefore decides to flag the alert, the alert will remain visible for users. This action will not be to arrest the requested person but to take the whereabouts of the person (Section 3.6 of the SIRENE Manual).

The receiving SIRENE Bureaux also check national databases, such as police and prison systems, to see if the requested person is already known to them or even already in custody for another offence. If the person is located on the basis of such verification, the SIRENE Bureau forwards the information contained in the A form to the competent authority that will execute the EAW.

The alert for arrest is visible to the competent authorities of all Member States (usually law enforcement and judicial authorities). If the person is detected and arrested on the basis of the SIS alert in another Member State, the issuing judicial authority will be informed via the national SIRENE Bureau.

An alert for arrest in the SIS containing a copy of the original EAW constitutes and has the same effect as an EAW (SIS II Decision, Article 31(1)). Since the entry into operation of the second generation of the SIS, transmission of the original EAW paper copy is no longer required as the copy of the original EAW is directly attached to the alert. However, since the original EAW is issued in the language of the issuing State and the A form is issued in English, it may still be necessary for the issuing judicial authority to send a translated EAW to the executing Member State after the requested person has been arrested. It is also possible to immediately attach, a copy of an EAW translation to the alert in one or more official languages of the Union.

The EJN website (http://www.ejn-crimjust.europa.eu) contains a list of the languages accepted by the Member States (see Section 3.4).
The issuing judicial authority should ensure that the alert entered in SIS is stored only for the time required to achieve the purposes for which it was entered (SIS II Decision, Article 44(1)). This means that the alert needs to be deleted if the EAW is withdrawn (see Section 10.4 of this Handbook) or surrender has taken place (Section 3.11 of the SIRENE Manual).

### 3.3.2. When the location of the requested person is known

When the requested person's location is known, the issuing judicial authority can send the EAW directly to the competent authority of the executing Member State for execution (Article 9(1) of the Framework Decision on EAW).

If the issuing judicial authority does not know the competent executing judicial authority, it must make enquiries, including through the contact points of the European Judicial Network, in order to obtain that information from the executing Member State (Article 10(1) of the Framework Decision on EAW). The Atlas tool on the EJN website also (http://www.ejn-

crimjust.europa.eu) contains information and contact details of each Member State's competent authorities.
In order to reduce any risk of the requested person absconding, the issuing judicial authority can also send the EAW to its national SIRENE Bureau for transmission to the other Member States via the SIS (see Section 3.3.1). The SIS alert enables the police authorities in the Member States to be aware that the person is wanted for arrest. However, it should be clearly indicated to all SIRENE Bureaux that the person's location is known to avoid unnecessary work checking whether the person is known or present on their territory.

31. Huwa importanti li s-SIRENE Bureaux jużaw dawn il-formoli skont kif rikjest minnhom għar-raġunijiet spjegati iżjed il-fuq, inkluż l-A Form.

32. Iżda l-kwistjoni tibqa’ jekk, meta jiġi biex jitwettaq Allert quddiem il-Qorti Rimandanti, hux meħtieġ ukoll li flimkien mal-Allert jiġi wkoll eżebit lil dik il-Qorti l-A form. L-iskambju tal-informazzjoni supplimentari bejn is-SIRENE Bureaux bil-mezz tal-A form hija proċedura li trid tiġi segwita. Iżda kemm hija verament meħtieġa l-A form fil-proċedura għall-eżekuzzjoni ta Mandat t’Arrest Ewropew jew Allert quddiem il-Qorti Rimandanti?

33. Meta l-Awtoritajiet Ġudizzjarji tal-Istat li jkun qed jeżegwixxi l-Mandat tal-Arrest Ewropew jew l-Allert jiġu biex jikkunsidraw talba għal eżekuzzjoni ta’ Allert jew Mandat tal-Arrest Ewropew, dak li huwa meħtieġ huwa li s-sustanza tat-talba tingħata iżjed saħħa u importanza mill-forma tat-talba. Il-forma tat-talba hija importanti, bla dubju. Per eżempju. Meta Awtortita Ġudizzjarja tiġi biex toħroġ u twettaq Mandat t’Arrest Ewropew trid bilfors tuża l-formola li trid il-leġislazzjoni komunitarja. Meta tiġi biex timtela’ din il-formola, jekk ir-reat ikun wieħed skedat, trid tiġi mimlija dik il-kaxxa speċifika li tindika liema huwa dak ir-reat skedat. Meta allura l-każ ikun jitratta reat skedat u tiġi mimlija l-kaxxa appożita fuq il-formola, bħal ma huwa dan il-każ ta’ TENEV, il-possibilita li l-Qorti Rimandanti tonqos milli twettaq dak il-Mandat jonqsu drastikament in kwantu l-fatt li r-reat ikun wieħed skedat jiffaċilita l-iter proċesswali favur il-proċedura taċ-ċediment. Anke l-Allert irid ikun maħruġ fil-forma prevista mill-leġislazzjoni komunitarja u anke dan l-Allert għandu jsegwi r-regoli previsti minn din il-leġislazzjoni fir-rigward tal-informazzjoni li jkun irid jikkontjeni nonche d-dokumenti li jkun irid jiġi akkumpanjat bihom.

34. Mistqarr dan pero, fattur determinanti hija l-informazzjoni li trid tingħata mill-Awtoritajiet Ġudizzjarji tal-Istat Rikjedenti lill-Awtoritajiet

Ġudizzjarji tal-Istat Rikjest li jwettaq it-talba għaċ-ċediment. Huwa importanti li l-aspett burokratiku jkun ġiet osservat; iżda huwa iżjed determinanti li l-informazzjoni li fuqha l-istrument legali jkun jistrieħ tasal lil dik l-Awtorita Ġudizzjarja Rikjesta biex din tkun tista' tieħu d-deċiżjoni tagħha b'mod infurmat. F'dan is-sens allura l-użu tal-formola A jassumi ċerta importanza in kwantu jgħin lis-SIRENE Bureaux rispettivi jifhmu sewwasew xi jkun qed jiġi mitlub nonche l-bażi fattwali u legali għal dak li jkun qed jiġi mitlub b'mod li jkun uniformi u jinftiehem. Iżda meta trattasi ta' eżekuzzjoni ta' Allert, l-Awtoritajiet Ġudizzjarji tal-Istati Membri għandhom jiffukaw iżjed fuq is-sustanza ta' dak li jkun qed jiġi mitlub, u ma għandhomx jissagrifikaw din is-sustanza minħabba nuqqasijiet jew żbalji li ma jkunux jolqtu s-sustanza ta' dak li jkun qed jiġi mitlub.

35. Id-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen Tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) jispjega r-rekwiżiti bażiċi li jsawru Allert validu. Isemmi dik l-informazzjoni minima li Allert għandu jikkontjeni biex ikun jista' jitqies li huwa validu. Dan jinsab fl-artikolu 23 moqri flimkien mal-artikolu 20 ta' din id-Deċiżjoni u jgħid hekk:

> Artikolu 23
>
> Rekwiżit biex jiddaħħal allert
>
> 1. Allerti dwar persuni ma jistgħux jiddaħħlu mingħajr id-data msemmija fl-Artikoli 20(3)(a), (d), (l), kif ukoll, fejn applikabbli, (k).
>
> 2. Barra minn hekk, meta tkun disponibbli, id-data l-oħra kollha elenkata fl-Artikolu 20(3) għandha wkoll tiddaħħal.

36. Dawn id-disposizzjonijiet tal-artikolu 20 huma dawk li jinsabu markati b'ittri grassi u korsivi:

> 3. L-informazzjoni dwar il-persuni li fir-rigward tagħhom inħareġ allert m'għandhiex tkun aktar minn dan li ġej:
> ***(a) kunjom(ijiet) u isem/ismijiet, isem/ismijiet fit-twelid u ismijiet użati qabel u kwalunkwe psewdonimu, li jistgħu jiddaħħlu separatament;***
> (b) kwalunkwe karatteristika fiżika speċifika u oġġettiva li ma tinbidilx;
> (ċ) post u data tat-twelid;
> ***(d) sess;***
> (e) ritratti;
> (f) marki tas-swaba';
> (g) nazzjonalità(ajiet);
> (h) jekk il-persuna kkonċernata hijiex armati, vjolenti jew maħruba;

(i) raġuni għall-allert;
(j) l-awtorità li qed toħroġ l-allert;
***(k) referenza għad-deċiżjoni li wasslet għall-allert;***
***(l) azzjoni li għandha tittieħed;***
(m) kollegament(i) ma' allerti oħrajn maħruġin fis-SIS II skond l-Artikolu 52;

37. Flimkien ma l-ittra "k", il-kumplament tar-rekwiżiti fl-ittri l-oħra fl-artikolu 20(3) ma kienux meħtieġa li jingħataw ad validitatem. Dawn ir-rekwiżiti jirriżultaw li ingħataw fl-Allert li ġie eżebit f'dawn l-atti skont kif jidher a fol 14.

38. Iżda dak li huwa verament determinanti għall-fini ta' din il-vertenza huwa dak li jinsab fl-artikolu 31 ta' din id-Deċiżjoni. Dan l-artikolu 31 jgħid li fejn din id-Deċiżjoni Kwadru tkun tapplika, allert imdaħħal fis-SIS II skond l-Artikolu 26 **flimkien mad-data addizzjonali msemmija fl-Artikolu 27**, għandu jikkostitwixxi u jkollu l-istess effett bħal Mandat ta' Arrest Ewropew maħruġ skond id-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI.

39. Mela allura biex Allert jitqies li għandu l-istess effett bħal Mandat t'Arrest Ewropew:

(a) l-Allert irid ikun maħruġ skont l-artikolu 26 tad-Deċiżjoni u li allura jkun jissodisfa r-rekwiżiti bażiċi imsemmija fl-artikolu 23 tad-Deċiżjoni; u li
(b) Dan l-Allert ikun akkumpanjat mad-data addizzjonali imsemmija **fl-artikolu 27 tal-istess Deċiżjoni**, iġifieri li l-Istat Membru li jkun qed joħroġ l-allert għandu jdaħħal fis-SIS II kopja ta' l-oriġinal tal-Mandat ta' Arrest Ewropew u jista' jdaħħal kopja ta' traduzzjoni ta' Mandat ta' Arrest Ewropew f'lingwa uffiċjali waħda oħra jew aktar ta' l-Unjoni Ewropea.

40. U dan jagħmel sens in kwantu l-formola A użata għall-fini tal-iskambju tal-informazzjoni bejn is-SIRENE Bureaux għandha tkun tikkontjeni fiha, inter alia, l-istess informazzjoni li jkun fih il-Mandat tal-Arrest Ewropew li, meta jkun mimli fid-dettalji l-iżjed importanti tiegħu, ikun jikkontjeni d-dettalji li jissodisfaw bosta mill-kriterji msemmija fil-formola A. Anzi il-formola A tkun, fis-sustanza tagħha, tiddependi minn dak li jkun hemm imniżżel fil-Mandat ta' Arrest Ewropew u mbagħad il-formula A issegwi l-ħruġ ta' dak l-istess Mandat.

41. Minn qari tal-artikolu 31 ta' din id-Deċiżjoni, dak li fuqu jistrieh il-prinċipju tal-ekwivalenza bejn l-Allert u l-Mandat tal-Arrest

Ewropew huwa li l-Allert **ikun akkumpanjat mad-data addizzjonali imsemmija fl-artikolu 27** tal-istess Deċiżjoni - iġifieri li l-Istat Membru li jkun qed joħroġ l-allert għandu jdaħħal fis-SIS II kopja ta' l-oriġinal tal-Mandat ta' Arrest Ewropew u jista' jdaħħal kopja ta' traduzzjoni ta' Mandat ta' Arrest Ewropew f'lingwa uffiċjali waħda oħra jew aktar ta' l-Unjoni Ewropea – **iżda ma jirrikjedix ukoll li jkun akkumpajat bl-informazzjoni supplimentari li jitkellem dwarha l-artikolu 28 tad-Deċiżjoni.**

42. Dan allura jfisser li l-Istat Membru jrid ikun daħħal l-Allert fis-SIS II għal arrest għal finijiet ta' konsenja u għandu jikkomunika l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI lill-Istati Membri kollha permezz ta' l-iskambju ta' informazzjoni supplimentari bl-użu tal-formola A. Iżda mbagħad l-artikolu 31 tad-Deċiżjoni jinkludi r-rekwiżiti msemmija fl-artikoli 26 u 27 tad-Deċiżjoni iżda mhux ukoll dawk fl-artikolu 28 tagħha meta jgħid x'inhuma l-ħtiġijiet legali biex Allert jitqies bħala Mandat t'Arrest Ewropew.

43. Din il-Qorti taqbel li l-informazzjoni rikjesta li tintbagħat mill-artikolu 28 tad-Deċiżjoni (bħala informazzjoni supplimentari bil-formola A) ċjoe l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI għandha tintbagħat lis-SIRENE Bureaux għall-fini tal-iskambju tal-informazzjoni lill-Istati Membri għall-azzjoni meħtieġa. Iżda meta jiġi biex jitwettaq l-Allert quddiem il-Qorti Rimandanti, dment li l-Allert ikun fih l-informazzjoni minima imsemmija fl-artikoli 23 u 20 tad-Deċiżjoni u li miegħu jkun hemm ukoll mehmuż il-Mandat tal-Arrest Ewropew u/jew traduzzjoni tiegħu f'ilsien ieħor uffiċjali tal-Unjoni – u dment li dan l-istess Mandat ikun jikkontjeni fih l-informazzjoni imsemmija fl-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni Kwadru regolanti l-Mandat tal-Arrest Ewropew allura dawk ir-rekwiżiti minimi msemmija mill-leġislazzjoni komunitarja għall-eżekuzzjoni tal-Mandat tal-Arrest Ewropew għandhom jitqiesu sodisfatti. Fil-fatt, l-artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni Kwadru regolanti l-Mandat tal-Arrest Ewropew titratta xejn ħlief il-kontenut tal-istess Mandat t'Arrest Ewropew:

> Artikolu 8
>
> Kontenut u forma tal-mandat ta' arrest Ewropew
>
> 1. Il-mandat ta' arrest Ewropew għandu jkun jinsab fih l-informazzjoni li ġejja stabbilita skond il-forma li tinsab fl-Anness:
> (a) l-identità u nazzjonalità tal-persuna rikjesta;

(b) l-isem, indirizz, numri tat-telefon u l-fax u indirizz ta' l-e-mail ta' l-awtorità ġudizzjarja li toħroġ il-mandat;
(ċ) il-prova ta' sentenza li tista' tiġi nfurzata, mandat ta' arrest jew kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja li tista' tiġi nfurzata oħra li għandha l-istess effett, li taqa' fl-iskop ta' l-Artikoli 1 u 2;
(d) in-natura u l-klassifikazzjoni legali ta' l-offiża, partikolarment fir-rigward ta' l-Artikolu 2;
(e) deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi li fihom twettqet l-offiża, inkluż il-ħin, il-post u l-grad ta' parteċipazzjoni fl-offiża mill-persuna rikjesta;
(f) il-piena imposta, jekk hemm sentenza finali, jew l-iskala ta' pieni preskritta għall-offiża taħt il-liġi ta' l-Istat Membru li joħroġ il-mandat;
(g) jekk possibbli, konsegwenzi oħra ta' l-offiża.

44. Għall-fini tal-eżekuzzjoni tal-Allert, bħala Mandat t'Arrest Ewropew, dment li l-Allert skont l-artikolu 26 ikun maħruġ mill-Istat Rikjedenti bil-forma u bid-dettalji minimi msemmija fl-artikolu 23 tad-Deċiżjoni u flimkien ma' dan l-Allert tiġi nkluża kopja tal-Mandat t'Arrest Ewropew oriġinali u (fil-każ Malti) kopja tiegħu tradotta bil-Malti jew bl-Ingliż u li allura jkun jikkontjeni wkoll l-informazzjoni msemmija fl-artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Mandat tal-Arrest Ewropew, dak l-Allert jista' jitqies li huwa ekwivalenti għal Mandat t'Arrest Ewropew; u jekk dak l-Allert ikun debitament iċċertifikat mill-Avukat Ġenerali fis-sensi tar-Regolament 6A tal-Ordni, jista' jkun il-bażi tal-arrest tal-estradant u l-konsegwenti azzjoni ġudizzjarja kontra tiegħu mingħajr il-ħtieġa ta' dokumenti oħra, bħal formola A li tkun annessa miegħu ukoll : u dan peress li dik l-informazzjoni supplimentari msemmija fl-artikolu 28 tad-Deċiżjoni tkun diġa kontenuta fit-test innifsu tal-Mandant tal-Arrest Ewropew (u/jew traduzzjoni tiegħu) li tkun ġiet mehmuża mal-Allert u mgħoddija lil Qorti Rimandanti. Del resto dak li huwa determinanti huwa li dik l-informazzjoni kontenuta fil-Mandat tal-Arrest Ewropew tkun ġiet mgħoddija lill-Awtorita Ġudizzjarja tal-Istat Rikjest li jwettaq il-proċedura taċ-ċediment biex din tkun tista' tagħmel l-evalwazzjoni tagħha. Dment li dik l-informazzjoni tkun twaslet lil din l-Awtorita Ġudizzjarja anke tramite l-kopja tal-Mandat tal-Arrest Ewropew ma jibqax iktar lok li l-istess informazzjoni tiġi wkoll mgħoddija lilha bil-formola A. Kienet tkun storja differenti li kieku l-Allert kien ikun nieqes mill-Mandat tal-Arrest Ewropew jew kopja tradotta tiegħu.

45. Naturalment, ikun iżjed għaqli għall-Prosekutur li jippreżenta lil Qorti Rimandanti dawk id-dokumenti kollha li jkollu għad-disposizzjoni tiegħu marbuta mal-każ. Iżda l-fatt li jkollu għad-disposizzjoni tiegħu il-formola A u ma jehmiżhiex ukoll mad-dokumenti li jkun ippreżenta lil Qorti Rimandanti flimkien mal-Allert, dment li l-Allert ikun jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikoli 20, 23, 26, 27 u

31 tad-Deċiżjoni, dak l-Allert ikun validu u jekk ikun ċertifikat mill-Avukat Ġenerali fis-sensi tar-Regolament 6A tal-Ordni, jista' wkoll iservi bħala bażi għall-azzjoni ulterjuri fis-sensi tal-artikoli 8, 9, 10 et seq tal-Ordni.

46. F'dan il-każ jirriżulta li l-Prosekuzzjoni preżentat l-Allert a fol 14 bid-dettalji minimi rikjesti, kif ukoll ġie ikkonfermat bil-ġurament tal-Uffiċjal Prosekutur Mark Galea li flimkien mal-Allert kien hemm il-Mandat t'Arrest Ewropew bl-ilsien Bulgaru u traduzzjoni għall-ingliż markati dok MG4 u MG5. Minn din il-kopja tal-Mandat tal-Arrest Ewropew il-Qorti Rimandanti kellha informazzjoni biżżejjed li tissodisfa r-rekwiżiti bażiċi msemmija fl-artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI. Ta' min jgħid ukoll li fis-sensi tar-Regolament 73A tal-Ordni, il-Mandat t'Arrest Ewropew jista' wkoll jiġi riċevut bi prova f'dawn il-proċeduri.

47. Għall-fini ta' kjarezza jerġa jingħad li dan il-Mandat t'Arrest Ewropew u l-Allert f'dan il-każ ġew maħruġa fis-17 ta' Lulju 2021 u fit-30 ta' Lulju 2021 rispettivament, u ċjoe qabel ma daħal fis-seħħ ir-REGOLAMENT (UE) 2018/1862 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE li jinsab fis-seħħ. Iżda fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-raġunament tagħha relattivament għall-validita tal-Allert u r-rekwiżiti bażiċi tiegħu biex ikun jista' jservi ta' bażi għall-eżekuzzjoni tal-proċedura msemmija bl-Ordni bqg]u invartiaji. Allura taħt dan ir-Regolament rivedut:

> Artikolu 22
>
> Rekwiżit biex jiddaħħal allert
>
> 1. Is-sett minimu ta' data meħtieġa sabiex jiddaħħal allert fis-SIS għandu jkun id-data msemmija fil-punti (a), (g), (k) u (n) tal-Artikolu 20(3), ħlief għas-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 40.[2] Id-data l-oħra msemmija f'dak il-paragrafu għandha wkoll tiddaħħal fis-SIS, jekk tkun disponibbli.

[2] Artikolu 40 Allerti dwar persuni mfittxija mhux magħrufa bil-għan tal-identifikazzjoni tagħhom skont il-liġi nazzjonali – li mhux il-każ hawnhekk.

2. Id-data msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 20(3) ta' dan ir-Regolament għandha tiddaħħal biss meta tkun strettament neċessarja għall-identifikazzjoni tal-persuna kkonċernata. Meta din id-data tiddaħħal, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva (UE) 2016/680.

48. L-artikolu 20(3) jgħid hekk, fejn allura dik id-data minima rikjesta bl-artikolu 22 hija markata b'ittri grassi u korsivi:

3. Kwalunkwe allert fis-SIS li jinkludi informazzjoni dwar il-persuni għandu jkun fih biss id-data li ġejja:

***(a) kunjomijiet***;
(b) ismijiet;
(c) ismijiet u kunjomijiet mat-twelid;
(d) ismijiet u kunjomijiet u psewdonimi użati preċedentement;
(e) kwalunkwe karatteristika fiżika speċifika u oġġettiva li x'aktarx ma tinbidilx;
(f) post tat-twelid;
***(g) data tat-twelid;***
(h) ġeneru;
(i) kull nazzjonalità;
(j) jekk il-persuna kkonċernata:
(i) hijiex armata;
(ii) hijiex vjolenti;
(iii) evadietx il-ġurisdizzjoni tal-qorti jew ħarbitx;
(iv) hijiex f'riskju ta' suwiċidju;
(v) hijiex ta' theddida għas-saħħa pubblika; jew
(vi) hijiex involuta f'attività msemmija fl-Artikoli 3 sa 14 tad-Direttiva (UE) 2017/541;
***(k) ir-raġuni għall-allert;***
(l) l-awtorità li ħolqot l-allert;
(m) referenza għad-deċiżjoni li wasslet għall-allert;
***(n) l-azzjoni li għandha tittieħed f'każ ta' hit;***
(o) konnessjonijiet ma' allerti oħra skont l-Artikolu 63;
(p) it-tip ta' reat;
(q) in-numru ta' reġistrazzjoni ta' persuna f'reġistru nazzjonali;
(r) għall-allerti msemmija fl-Artikolu 32(1), kategorizzazzjoni tat-tip ta' każ;
(s) il-kategorija tad-dokumenti ta' identifikazzjoni tal-persuna;
(t) il-pajjiż li jkun ħareġ id-dokumenti ta' identifikazzjoni tal-persuna;
(u) in-numru/i tad-dokumenti ta' identifikazzjoni tal-persuna;
(v) id-data tal-ħruġ tad-dokumenti ta' identifikazzjoni tal-persuna;
(w) ritratti u immaġnijiet tal-wiċċ;
(x) f'konformità mal-Artikolu 42(3), profili rilevanti tad-DNA;
(y) data dattiloskopika;
(z) kopja tad-dokumenti ta' identifikazzjoni, bil-kulur fejn possibbli

49. L-artikoli 26, 27, 28 u 31 tar-Regolament rivedut issa jgħidu hekk:

26 Objettivi u kondizzjonijiet biex jiddaħħlu l-allerti

1. L-allerti dwar persuni mfittxija għall-arrest għal finijiet ta' konsenja abbażi ta' Mandat ta' Arrest Ewropew, jew allerti dwar persuni mfittxija għall-arrest għal finijiet ta' estradizzjoni, għandhom jiddaħħlu fuq talba tal-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti.

2. L-allerti għall-arrest għal finijiet ta' konsenja għandhom wkoll jiddaħħlu abbażi ta' mandati ta' arrest maħruġa f'konformità ma' ftehimiet konklużi bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi abbażi tat-Trattati, għall-fini tal-konsenja ta' persuni abbażi ta' mandat ta' arrest, li jipprevedu t-trasmissjoni ta' tali mandat ta' arrest permezz tas-SIS.

3. Kull referenza f'dan ir-Regolament għal dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI għandha tinftiehem li tinkludi d-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' ftehimiet konklużi bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi abbażi tat-Trattati, għallfini tal-konsenja ta' persuni abbażi ta' mandat ta' arrest, li jipprevedu t-trasmissjoni ta' tali mandat ta' arrest permezz tas-SIS.

4. Fil-każ ta' operazzjoni li tkun għaddejja, l-Istat Membru emittenti jista' jieħu ħsieb li, temporanjament, l-allert eżistenti għall-arrest imdaħħal f'konformità ma' dan l-Artikolu ma jkunx disponibbli għat-tiftix mill-utenti finali fl-Istati Membri involuti fl-operazzjoni. F'tali każijiet, l-allert għandu jkun aċċessibbli biss għall-Uffiċċji SIRENE.

L-Istati Membri jistgħu jagħmlu allert mhux disponibbli biss jekk:
(a) il-fini tal-operazzjoni ma jkunx jista' jinkiseb b'miżuri oħra;
(b) tkun ingħatat awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru emittenti; u
(c) l-Istati Membri kollha involuti fl-operazzjoni jkunu ġew informati permezz tal-iskambju ta' informazzjoni supplimentari.

Il-funzjonalità prevista fl-ewwel subparagrafu għandha tintuża biss għal perijodu ta' mhux aktar minn 48 siegħa. Madankollu, jekk ikun meħtieġ għall-operazzjoni, dan il-perijodu jista' jiġi estiż b'perijodi ulterjuri ta' 48 siegħa. L-Istati Membri għandhom iżommu statistika dwar l-għadd ta' allerti li għalihom tkun intużat din il-funzjonalità.

5. Meta jkun hemm indikazzjoni ċara li l-oġġetti msemmija fil-punti (a), (b), (c), (e), (g), (h), (j) u (k) tal-Artikolu 38(2) ikunu konnessi ma' persuna li jkun inħareġ allert dwarha skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, jistgħu jiddaħħlu allerti dwar dawk l-oġġetti sabiex il-persuna tkun tista' tiġi lokalizzata. F'każijiet bħal dawn, għandu jkun hemm konnessjoni bejn l-allert dwar il-persuna u l-allert dwar l-oġġett, f'konformità mal-Artikolu 63.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi u tiżviluppa r-regoli meħtieġa għaddħul, l-aġġornament, it-tħassir u t-tiftix tad-data msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta'

implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 76(2).

Artikolu 27 Data addizzjonali dwar persuni mfittxija għall-arrest għal finijiet ta' konsenja

1. Meta persuna tkun imfittxija għall-arrest għal finijiet ta' konsenja abbażi ta' Mandat ta' Arrest Ewropew, l-Istat Membru emittenti għandu jdaħħal kopja tal-Mandat ta' Arrest Ewropew oriġinali fis-SIS. Stat Membru jista' jdaħħal kopja ta' aktar minn Mandat ta' Arrest Ewropew f'allert għall-arrest għal finijiet ta' konsenja.

2. L-Istat Membru emittenti jista' jdaħħal kopja ta' traduzzjoni tal-Mandat ta' Arrest Ewropew f'waħda jew aktar mil-lingwi uffiċjali l-oħra tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

Artikolu 28 Informazzjoni supplimentari dwar persuni mfittxija għall-arrest għal finijiet ta' konsenja

L-Istat Membru emittenti ta' allert għall-arrest għal finijiet ta' konsenja għandu jikkomunika l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI lill-Istati Membri l-oħrajn permezz tal-iskambju ta' informazzjoni supplimentari.

Artikolu 31 Eżekuzzjoni ta' azzjoni bbażata fuq allert għall-arrest għal finijiet ta' konsenja jew ta' estradizzjoni

1. Allert imdaħħal fis-SIS f'konformità mal-Artikolu 26 u d-data addizzjonali msemmija fl-Artikolu 27 għandhom flimkien jikkostitwixxu u jkollhom l-istess effett bħal Mandat ta' Arrest Ewropew maħruġ f'konformità mad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI, f'każijiet fejn tapplika dik id-Deċiżjoni Kwadru.

2. F'każijiet fejn ma tkunx tapplika d-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI, l-allert imdaħħal fis-SIS f'konformità malArtikoli 26 u 29 għandu jkollu l-istess validità legali bħal talba għall-arrest proviżorju skont l-Artikolu 16 talKonvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni tat-13 ta' Diċembru 1957 jew l-Artikolu 15 tat-Trattat tal-Benelux rigward l-Estradizzjoni u l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali tas-27 ta' Ġunju 1962.

50. Fil-fehma ta' din il-Qorti anke dawn il-bidliet fir-Regolament ma ġabux bidla fil-posizzjoni mistħarġa iżjed il-fuq u l-istess raġunament għandu japplika anke taħt dawn id-disposizzjonijiet il-ġodda.

51. L-appellant jilmenta wkoll mill-Allert billi jargumenta li dan l-Allert huwa inkomplut. Dan peress li bid-dettalji msemmija fil-Mandat t'Arrest Ewropew eżebit il-Qorti ma tistax tikkonkludi li dawn

kienu jittrattaw l-istess reati msemmija fl-Allert. Jgħid li fl-Allert hemm imsemmi li dan kien jitratta "offences against the person" mentri fil-Mandat t'Arrest Ewropew hemm indikat li dan jikkonċerna "...intentional and unlawuful encroachment of the sexual inviolability of the person".

52. Dwar dan il-punt, l-appellant għandu raġun peress li verament hemm din id-diskrepanza. Iżda l-kwistjoni hija kemm din id-diskrepanza hija ta' serjeta tali li minħabba fiha jkun jista' jingħad li l-Qorti Rimandanti ma setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha jew saħansitra li jwassal għan-nullita tal-proċeduri skont kif qed jippretendi l-appellant.

53. Il-Qorti ħadet **judicial notice with inquiry** tat-test tal-Kodiċi Kriminali Bulgaru (naturalment tradott għall-ilsien ingliż) minn fejn jirriżulta li ma hemmx inkompatibbilta bejn dak imsemmi fl-Allert għal dak indikat fil-Mandat t'Arrest Ewropew. Filwaqt li fil-Liġi Maltija r-reat ta' Stupru jaqa' taħt is-Sub-titolu 2 "Fuq id-Delitti Sesswali" li dan imbagħad jaqa' taħt it-Titolu VII "Fuq id-Delitti li jaffetwaw id-Dinjita tal-Persuni" mill-banda l-oħra fil-Liġi Bulgara, ir-reat ta' Stupru imsemmi fl-artikolu 152 - meritu ta' dan l-Allert u l-Mandat - jaqa' taħt "Section VIII Debauchery" li taqa' taħt "Chapter Two - Crimes Against the Person". L-Allert għalhekk jagħti l-klassifikazzjoni ġenerali tar-reat mentri l-Mandat tal-Arrest Ewropew huwa speċifiku fir-rigward tar-reat partikolari li għalih l-estradant qed jintalab lura. Din il-Qorti ma tara ebda inkompatibilita bejn l-Allert u l-Mandat f'dan is-sens.

54. Din il-preġudizzjali tan-nullita qegħda għalhekk tiġi miċħuda.

## Ikkunsidrat

55. Din il-Qorti sejra tgħaddi biex tesplora l-aggravji sollevati mill-estradant seriatim.

56. L-estradant jilmenta li l-Qorti Rimandanti kienet żbaljata meta ordnat it-treġġiegħ lura tal-estradant biex jiskonta piena wara kundanna meta ma nħareġ ebda ċertifikat ta' kundanna skont l-artikolu 13(2)(b) tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta.

57. Skont ir-regolament 3(1) tal-Ordni :

3.(1) Huma biss id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Ordni, salv jekk ma jiġix xort'oħra espressament indikat, li għandhom japplikaw għal talbiet li Malta tirċievi jew tagħmel fid-data rilevanti jew wara sabiex persuna kriminali maħruba titreġġa' lura lejn jew minn pajjiż skedat, jew biex persuni jitreġġgħu lura lejn Malta minn pajjiż skedat konformement ma' talba li ssir taħt dan l-Ordni, u d-dispożizzjonijiet tal-Att rilevanti għandu jkollhom effett dwar it-treġġigħ lura taħt dan l-Ordni ta' persuni lejn, jew dwar persuni mreġġgħin lura taħt dan l-Ordni minn, xi pajjiż skedat bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet, eċċezzjonijiet, adattamenti jew tibdiliet kif imsemmi f'dan l-Ordni.

58. Ifisser għalhekk li l-proċeduri għal treġġiegħ lura taħt l-Ordni jsegwu d-disposizzjonijiet tal-Ordni; u d-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Estradizzjoni japplikaw għal dawn il-każijiet biss jekk u safejn l-Ordni ma jagħmilx kondizzjonijiet, eċċezzjonijiet, adattamenti jew tibdiliet speċifiċi, f'liema każ, ikunu dawn tal-aħħar li japplikaw b'deroga għal dak li jipprovdi l-Att. Hekk per eżempju, l-artikolu 13(1) tal-Att jeħtieġ l-Awtorita għall-Proċediment maħruġa b'ordni tal-Ministru biex tkun tista' tinbeda proċedura t'estradizzjoni. Din mhix applikabbli għal proċeduri taħt l-Ordni in kwantu l-Ordni jiddispensa minn din il-proċedura. Dan huwa wkoll rifless mill-fatt li kieku kellu jiġi ritenut applikabbli l-artikolu 13(1) tal-Att anke għall-każijiet li jkunu jaqgħu taħt l-Ordni, tali applikabbilita kienet tirrekjedi l-implimentazzjoni ta' proċeduri li jmorru dijametrikament kontra l-ispirtu u l-kliem tad-Deċiżjoni Kwadru regolanti l-Mandat tal-Arrest Ewropew nonche l-Ordni.

59. Fil-fatt bis-saħħa tar-Regolamenti 5(6)(b) u 5(8)(a) tal-Ordni jingħad li:

(6) Mandat ta' arrest rilevanti wara sejbien ta' ħtija hu mandat maħruġ minn awtorità ġudizzjarja ta' pajjiż skedat u li jkun fih –
(a) id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (7), u
(b) l-informazzjoni msemmija fis-subartikolu (8).
.....
8(a) daqstant kemm japplika, il-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 13(2)(b)(i) u (ii) tal-Att rilevanti:
Iżda dan il-paragrafu għandu jitqies li ġie mħaresminkejja l-fatt li setgħet ma tkunx ġiet mogħtija kopjatal-liġijiet relattivi jew ta' dikjarazzjoni tal-liġi rilevanti.

60. Dan ifisser li l-Ordni tirrendi applikabbli l-artikolu 13(2)(b)(prov)(i)(ii) tal-Att, iżda mhux ukoll dak rikjest mill-artikolu 13(2)(b) tal-Att dwar l-Estradizzjoni.

61. Fil-fatt dak li l-kumplament tar-regolament 5(8) tal-Ordni jeħtieġ huwa li tingħata l-informazzjoni wkoll dwar:

(b) il-partikolaritajiet dwar is-sejbien ta' ħtija;
(ċ) il-partikolaritajiet ta' kull mandat ieħor maħruġ fil-pajjiż rikjedenti għall-arrest ta' persuna dwar ir-reat;
(d) il-partikolaritajiet tas-sentenza li tista' tingħata taħt il-liġi tal-pajjiż rikjedenti dwar ir-reat, jekk il-persunama tkunx ingħatat sentenza għal dak ir-reat;
(e) il-partikolaritajiet tas-sentenza li tingħata taħt il-liġital-pajjiż rikjedenti dwar ir-reat, jekk il-persuna tkun ingħatat sentenza għar-reat.

62. Iċ-ċertifikat imsemmi fl-artikolu 13(2)(b) tal-Att mhux ukoll rikjest għall-fini ta' proċeduri ta' treġġiegħ lura taħt l-Ordni. B'hekk dan l-aggravju qed jiġi respint.

63. Fit-tielet aggravju tiegħu l-estradant jilmenta li f'paragrafu 1 u 2 tas-sentenza appellata kien hemm difett evidenti fid-dokumenti eżebiti mill-Prosekuzzjoni fis-sens li dawn id-dokumenti ma kienux qed jaqblu ma xulxin. Fil-Mandat t'Arrest Ewropew jingħad li n-numru tas-sentenza eżebita a fol 57 kienet 53/26.03.2013 mentri dak li kien miktub bl-idejn, skont id-Difiża kien jidher li huwa 59 u mhux 53 u dan peress li l-interpretu li ittraduċa parti mis-sentenza identifika dak in-numru bħala 59 u mhux 53.

64. Kif rilevat mill-istess interpretu fit-traduzzjoni tal-partijiet rilevanti ta' dik is-sentenza jirriżulta li t-traduttur stess kien qiegħed isib diffikulta jiddeċifra jekk in-numru miktub bl-idejn fuq il-kopja ta' dik is-sentenza bil-Bulgaru kienx 53 jew 59. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti identifikat dak in-numru bħala li kien jaqra 53 u mhux 59.

65. Din il-Qorti spezzjonat dan in-numru minn taħt il-lenti u verament jidher li huwa 53 aktar milli 59. Iżda dak li l-iżjed jagħti kunfidenza lil din il-Qorti dwar l-identifikazzjoni korretta tan-numru ta' din is-sentenza huwa wkoll il-fatt li l-Prosekutur Pubbliku Bulgaru identifika wkoll in-numru ta' din is-sentenza bħala 53, meta dan kellu l-benefiċċju li huwa midħla iżjed u jista' wkoll jagħraf dawk il-pekuljaritajiet inerenti għall-modi ta' skrittura differenti u tipoloġija ta' kalligrafija partikolari li tkun tipprevali f'pajjiżi diversi. Fi kwalunkwe każ, din is-sentenza, kif jirriżulta mit-traduzzjoni parzjali tagħha eżegwita mill-interpretu seduta stante kienet ingħatat fil-konfront tal-estradant, skont kif ukoll jgħid il-Prosekutur Bulgaru fil-Mandat t'Arrest Ewropew tradott bl-ingliż u eżebit fl-atti. Din il-Qorti ma

nġibitilhiex xi raġuni partikolari jew xi prova oħra li turi, almenu sal-grad tal-probabbli, li dik is-sentenza ma kienetx dik mogħtija kontra l-estradant u li kienet ukoll fil-bażi għat-talba tal-treġġiegħ lura tiegħu.

66. Dan l-aggravju għalhekk qiegħed jiġi respint.

67. Ir-raba aggravju tal-estradant huwa li minħabba l-fatt li ż-żmien li għadda minn meta sar ir-reat fil-Bulgarija fl-1996 sal-lum għaddew iżjed minn sitta u għoxrin sena. L-estradant jikkontendi li hemm lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 20 tal-Att dwar l-Estradizzjoni f'dan il-każ, li jgħid:

> 20.Fuq appell magħmul lill-Qorti tal-Appell Kriminali jew fuq rikors għal rimedju lill-Qorti Kostituzzjonali taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kull waħda mill-imsemmija qrati tista', bla ħsara għal kull ġurisdizzjoni oħra, tordna li l-persuna mibgħuta taħt kustodja tiġi meħlusa mill-kustodja jekk fil-fehma ta' dik il qorti –
>
> (a) minħabba n-natura trivjali tar-reat li bih hija akkużata jew ġiet misjuba ħatja; jew
> (b) minħabba ż-żmien li jkun għadda minn meta jingħad li għamlet ir-reat jew li saret ħielsa kontra l-liġi, skont il-każ; jew
> (ċ) minħabba li l-akkuża miġjuba kontriha mhix magħmula in bona fide fl-interess tal-ġustizzja, ikun, meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi kollha, inġust jew oppressiv li tiġi mreġġa' lura.

68. Dan l-artikol jridu ukoll jinqara' fid-dawl ta' dak li ingħad iżjed il-fuq fir-rigward tar-regolament 3(1) tal-Ordni kif imsemmi iżjed il-fuq. Fost dawk il-kondizzjonijiet, eċċezzjonijiet, adattamenti jew tibdiliet kif imsemmi f'dan l-Ordni wieħed ma jiltaqax ma xi disposizzjoni li teħles l-artikolu 20 tal-Att mill-applikabbilita tiegħu f'każ t'appell minn deċiżjoni magħmula mill-Qorti Rimandanti taħt l-Ordni jew li jindika xi forma ta' inkompatibbilta mas-setgħat mogħtija lil din il-Qorti taħt l-Ordni. Din il-Qorti, kif għamlet fl-estradizzjoni fl-ismijiet **The Police vs. Marek Drga** tat-12 ta' Jannar 2018 f'każ fejn jiġi invokat l-artikolu 20 tal-Att, tidħol biex tanalizza jekk ir-rekwiżiti hemmhekk imsemmija jkunux jistgħu jitqiesu integrati fil-każ partikolari.

69. Ir-rekwiżiti li l-Qorti tal-Appell Kriminali tista' tinvesti huma :

(a) in-natura trivjali tar-reat li bih hija akkużata jew ġiet misjuba ħatja; jew

(b) iż-żmien li jkun għadda minn meta jingħad li għamlet ir-reat jew li saret ħielsa kontra l-liġi, skont il-każ; jew

(ċ) l-akkuża miġjuba kontriha mhix magħmula in bona fide fl-interess tal-ġustizzja.

70. Din il-Qorti sejra għalhekk tanalizza dawn id-disposizzjonijiet mill-lenti tal-Liġi ordinarja tal-estradizzjoni u l-mod kif dawn jiġu applikati mill-Qrati ordinarji ta' Ġustizzja Kriminali f'Malta kif ukoll minn Qrati esteri.

71. F'dan il-każ ma jidhrilhiex li n-natura tar-reat li tiegħu instab ħati l-estradant kien trivjali. Huwa ġie kundannat għal reat li fil-Liġi Maltija huwa klassifikat bħala stupru. Dan huwa reat ta' natura serja. L-anqas ma jirriżulta mill-atti li l-akkuża, u allura l-kundanna tiegħu mill-Qorti Bulgara, kienet magħmula mhux bona fide fl-interess tal-ġustizzja.

72. Jifdal għalhekk l-istħarriġ relattiv għall-punt dwar jekk l-estradant għandux jiġi meħlus mill-kustodja jekk fil-fehma tal-Qorti ż-żmien li jkun għadda minn meta jingħad li twettaq ir-reat jew li sar ħieles kontra l-liġi skont il-każ ikunx, meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi kollha, inġust jew oppressiv li jiġi mreġġa' lura.

73. It-"timeline" rilevanti għal dan il-każ jirriżulta mid-dokumenti eżebiti fl-atti. Qabel xejn, mill-kopja tal-Mandat t'Arrest Ewropew eżebit nonche mis-sentenza li ġiet parzjalment tradotta fl-atti jirriżulta li din is-sentenza kienet ingħatat b'verdett numru 592 tal-20 t'Awissu 2012 mill-Qorti Distrettwali ta' Svelingrad fil-Bulgarija li ġiet fis-seħħ fis-26 ta' Marzu 2013 wara li kienet emendata b'sentenza li ġġib in-numru 53 fi stadju t'appell mill-Qorti Distrettwali ta' Haskovo fil-Bulgarija u li ġiet allura mibdula s-sentenza oriġinali b'mod li issa jrid iservi tliet snin " 'imprisonment' under an initial "General Regime" of serving". Il-Prosekutur Pubbliku Bulgaru jikkonferma li l-estradant kien preżenti meta ingħatat is-sentenza fi tmiem tal-kawża fejn ġie misjub ħati. Jirriżulta wkoll li r-reat li tiegħu instab ħati ġie mwettaq fit-3 t'Awissu 1996. Din il-Qorti ma għandhiex l-informazzjoni u l-anqas is-setgħa u l-ġurisdizzjoni sabiex tkun tista' tistħarreġ għaliex, reat kommess fl-1996 ġie finalizzat mill-Qrati fil-Bulgarija b'sentenza tas-26 ta' Marzu 2013, iġifieri kważi sbatax il-sena wara li seħħ id-delitt. B'xorti ħażina verament li dan huwa dekors ta' żmien konsiderevoli, iżda mill-banda l-oħra mhux dewmien konfinat biss għall-ġurisdizzjoni Bulgara. Kienet x'kienet ir-raġuni, il-fatt jirriżulta li dak il-każ ġie fi tmiemu fis-26 ta' Marzu 2013.

74. Mix-xiehda li ta l-estradant matul il-kors tal-proċedura quddiem il-Qorti Rimandanti jirriżulta li huwa jiftakar li kien preżenti għall-kawża kontra tiegħu fil-Qorti ta' Svelingrad kif ukoll li dik il-Qorti kienet sabitu ħati u kkundannatu għal dik li huwa jiddeskrivi bħala sentenza ta' priġunerija fil-forma sospiża. Huwa jgħid li qatt ma ġie notifikat b'xi appell fil-każ tiegħu jew li kien għad hemm xi proċeduri pendenti kontrih daqskemm jikkonferma li huwa qatt ma deher quddiem il-Qorti Distrettwali ta' Haskovo (fejn ġie deċiż l-appell mill-kawża li tagħha kien ġie misjub ħati u sentenzjat mill-Qorti Distrettwali ta' Svelingrad). Igħid li wara li ingħatat is-sentenza mill-Qorti ta' Svelingrad fl-2012 huwa ma kien soġġett għal ebda restrizzjoni. Iżid jgħid li wara li ngħatat dik is-sentenza telaq mill-Bulgarija bejn is-17 u l-20 ta' Frar 2013 billi għamel użu mill-passaport tiegħu u mar lejn Spanja flimkien ma martu. Fi Spanja huwa għamel madwar sitta jew seba' xhur iżda ma ottjeniex dokumenti uffiċjali minn hemmhekk. Peress li kien ġie offrut xogħol aħjar, minn Spanja mexa lejn ir-Renju Unit, fejn hemmhekk għamel jgħix madwar tliet snin u nofs. Igħid li hemmhekk kien ottjena liċenza tas-sewqan Britannika, kellu żewġ kontijiet bankarji, kellu karozza u xi vannijiet marbuta ma xogħolu li kienu assikurati f'ismu. Iżid li għad għandu l-liċenza tas-sewqan Britannika. Imbagħad martu ġiet Malta peress li sabet xogħol aħjar u hu ingħaqad magħha ftit wara. Kienu ilhom issa jgħixu Malta madwar sitt snin u nofs. F'Malta huwa għandu karta tar-residenza Maltija, huwa impjegat uffiċjalment ma kumpanija f'Malta u għandu wkoll kont bankarju. Hu jgħix f'Malta flimkien ma martu, bintu u żewġ neputijiet. Itenni li qatt ma kellu xi inkwiet jew xellef difru mal-qawwiet tal-ordni fil-pajjiżi kollha li huwa kien jgħix fihom wara li telaq mill-Bulgarija fi Frar 2013.

75. Mill-Mandat tal-Arrest Ewropew jirriżulta li dan il-mandat ġie iffirmat mill-Prosekutur Bulgaru Anton Petkov Ivanov fil-15 ta' Lulju 2021 u reġistrat jumejn wara bin-numru tar-reġistrazzjoni DP-26/2013. Dan ifisser għalhekk li bejn l-għoti tas-sentenza appellata fis-26 ta' Marzu 2013 u d-data meta ġie maħruġ il-Mandat t'Arrest Ewropew għaddew tminn snin u kważi erba' xhur. Anke hawnhekk jirriżulta li kien hemm dekors ta' żmien konsiderevoli. L-estradant jargumenta li minħabba dan id-dekors ta' żmien bejn id-data tal-kommissjoni tar-reat u d-data meta issa mitlub li jiksonta s-sentenza imposta fuqu b'din il-proċedura ta' ċediment tiegħu lill-Awtoritajiet Bulgari, sejjer ikun inġust jew oppressiv fuqu li jiġi mreġġa' lura. Huwa jgħid li wara li għadda dan iż-żmien kollu huwa laħaq kiber, rabba' familja, issetilja f'Malta u għandu xogħol u residenza fissa.

Insomma għandu ħajja kompletament mibdula li sejra tiġi maqluba ta' taħt fuq jekk din l-estradizzjoni tiġi milqugħa.

76. F'materja ta' interpretazzjoni dwar l-effett taż-żmien fil-kamp tal-estradizzjonijiet nonche t-tifsira li tingħata lit-termini "inġust" jew "oppressiv" jekk jiġi mreġġa' lura, din il-Qorti tagħmel riferenza għal ġurisprudenza tal-Qrati tar-Renju Unit u dan kemm minħabba li din il-ġurisprudenza hija msejsa fuq Liġijiet li kienu l-għerq u sies tal-Liġi tal-Estradizzjoni Maltija (f'ċerti aspetti tagħhom identiċi), kif ukoll minħabba li l-kobor ta' dik il-ġurisdizzjoni ippermetta li fil-passat diversi każijiet li ġew deċiżi minn dawk il-Qrati investew f'analiżi tat-tifsira proprja ta' dawn il-kunċetti.

77. Kif intqal qabel dawn il-proċeduri huma msejsa fuq il-Liġi speċjali li tirregola l-Mandati t'Arrest Ewropew, li hija Liġi li f'ċerti versi hija drakonjana u titbiegħed mill-prinċipji tradizzjonali tal-estradizzjonijiet. Din hi proċedura ta' ċediment ta' persuni bejn awtoritajiet ġudizzjarji tal-istati membri tal-Unjoni Ewropea li hija ben diversa minn dik il-proċedura ta' estradizzjoni eżistenti bejn Stati li ma jifformawx parti minn din l-Unjoni. Il-qofol ta' din il-proċedura hija l-fiduċja reċiproka li l-Awtoritajiet Ġudizzjarji tal-Unjoni Ewropea għandhom fl-operat reċiproku tagħhom li huwa msaħħaħ bhux biss bit-Trattati tal-Unjoni u l-Karta tal-Jeddijiet Fundamentali iżda wkoll bil-prinċipji tar-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji. Dawn id-deċiżjonijiet, inkluż il-ħruġ tal-Mandati t'Arrest Ewropew isiru minn Awtoritajiet Ġudizzjarji u l-preżunzjoni hi li jinħarġu b'mod responsabbli u in buona fede, salv provi sodi kuntrarji. B'hekk dak li jkun dikjarat f'Mandat t'Arrest Ewropew maħruġ minn Prosekutur Pubbliku fi ħdan Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandu jittieħed bis-serjeta dovuta, u preżunt li jkun maħruġ in buona fede f'dan l-ispirtu ta' koperazzjoni ġudizzjarja b'saħħitha bażata fuq fiduċja u rispett reċiproku.

78. Dan il-każ jitratta talba biex l-estradant jintbagħat lura l-Bulgarija biex jiskonta sentenza mogħtija kontra tiegħu fi stadju t'appell u li timporta piena karċerarja għal reat li huwa ta' natura serja. Mhux allura każ fejn għad irid isir aċċertament tal-ħtija tal-estradant. It-talba tal-Prosekutur Bulgaru tistrieħ fuq is-saħħa ta' sentenza deċiża wkoll minn stadju t'appell fejn għalkemm il-ħtija tal-appellant ġiet imtennija, il-piena li kienet ġiet erogata mill-Qorti Distrettwali ta' Svelingrad irriżulta li ġiet mibdula għal waħda anqas gravuża għall-estradant. Din il-Qorti ma tistax tidħol fil-meriti ta' dak il-każ, u jekk l-estradant kellux difiża valida f'dak il-proċess u l-anqas

ma tista' tidħol fil-meritu dwar x'setgħa l-estradant fehem li kienet is-sentenza li kienet ingħatat kontra tiegħu mill-Qrati fil-Bulgarija.[3] Din il-Qorti trid tistrieħ fuq dak miktub mill-Prosekutur Pubbliku Bulgaru fil-Mandat tal-Arrest Ewropew li kif spjegat iżjed il-fuq skont l-Ordni jassumi l-valur ta' prova, nonche fid-dokumenti eżebiti fl-atti li siltiet minnhom ġew tradotti. Minn dawn id-dokumenti jingħad li l-estradant kien jaf b'dawn il-proċeduri u anke ipparteċipa fil-proċess quddiem il-Qorti Distrettwali ta' Svelingrad fejn huwa ġie misjub ħati u sentenzjat fil-preżenza tiegħu.

79. Iżda mill-atti jirriżulta wkoll li wara li ingħata din is-sentenza mill-Qorti Distrettwali ta' Svelingrad kontra tiegħu l-appellant, ex admissis, għażel li ma jibqax iżjed f'dik il-ġurisdizzjoni u telaq il-barra mit-territorju Bulgaru meta kien konxju ta' dak il-ġudizzju mogħti kontra tiegħu. Huwa għażel li jmur fi Spanja, fir-Renju Unit u eventwalment f'Malta. Jgħid li jiftakar li kien mar il-Bulgarija darba waħda biss għal żjara qasira ħafna ta' xi ftit jiem meta kien għadu jgħix fir-Renju Unit. Fatt indisputat hu li l-estradant ma baqgħax jgħix fil-ġurisdizzjoni Bulgara u fi spazju ta' disa' snin biddel ir-residenza tiegħu fi tliet pajjiżi Ewropej differenti.

80. Skont il-Liġi Maltija, "persuna kriminali maħruba", fit-test ingliż referita bħala "fugitive criminal", hija deskritta fl-Att bħala:

> **persuna li tkun** akkużata jew **misjuba ħatja ta' reat ta' estradizzjoni li jkun ġie magħmul fil-ġurisdizzjoni ta' xi pajjiż li ma jkunx Malta li tkun qiegħda jew ikun hemm suspett li tkun qiegħda f'Malta**; u kull meta dik il-frażi tinsab dwar xi pajjiż bħal dak, tfisser kriminali maħrub akkużat jew misjub ħati ta' reat ta' estradizzjoni li jkun ġie magħmul fil-ġurisdizzjoni ta' dak il-pajjiż.

81. Stando ma dak mistqarr fl-Allert kif rifless fil-Mandat t'Arrest Ewropew eżebit miegħu jirriżulta li
(a) l-estradant – TENEV f'dan il-każ;
(b) kien ġie misjub ħati b'sentenza tal-Qorti Bulgara - dawk ta' Svelingrad u Haskovo;
(c) għal reat ta' stupru - li huwa reat t'estradizzjoni;
(d) u liema reat kien magħmul fil-ġurisdizzjoni Bulgara;
(e) u li l-istess estradant instab li kien qiegħed jgħix f'Malta.

[3] Del resto l-estradant kellu wkoll l-opportunita li jippreżenta dokumenti biex isaħħaħ dak li huwa xehed dwaru, iżda din il-Qorti rat li huwa ma preżentax dokumenti li jsaħħu sewwasew dak li stqarr.

82. Dan jikkwalifikah bħala “persuna kriminali maħruba” fis-sensi ta’ din il-Liġi Maltija fejn għaliha allura l-fatt li huwa kien jinsab f’Malta f’dawk il-kundizzjonijiet, kien ifisser li jitqies bħala li kien “a criminal fugitive”, ossija persuna kriminali maħruba.

83. Apparti minn hekk jirriżulta mill-atti li minkejja li kienet ingħatat dik is-sentenza kontra tiegħu mill-Qorti Distrettwali ta’ Svelingrad, u sussegwentement mibdula għal waħda anqas oneruża mill-Qorti Distrettwali ta’ Haskovo, l-estradant ma serva ebda parti minnha in kwantu huwa ma kienx baqa’ l-Bulgarija fiż-żmien meta ingħatat is-sentenza tal-Qorti Distrettwali ta’ Haskovo.

84. Fil-kawża iżjed il-fuq imsemmija u mogħtija mis-Supreme Court tar-Renju Unit iġifieri f’ **Konecny (Appellant) v District Court in Brno-Venkov, Czech Republic (Respondent)**[4] ġie mtenni l-prinċipju li meta l-Qorti tiġi biex titratta każ fejn ikun hemm persuna rikjesta biex tiskonta sentenza mogħtija kontra tagħha minn Qorti ta’ Ġustizzja Kriminali, iż-żmien rilevanti għall-fini tal-trapass taż-żmien biex jiġi determinat jekk ikunx inġust jew oppressiv li l-estradant jiġi mibgħut lura jibda jiddekorri mid-data ta’ meta tingħata s-sentenza mill-Qorti ta’ Ġustizzja Kriminali fejn hu jkun ġie misjub ħati. Fil-fatt is-sens ta’ din is-sentenza riċenti dwar dan il-punt jemerġu diversi prinċipji li huma wkoll ta’ interess għal dan il-każ.

85. Dik il-Qorti ddeċidiet li l-ġurisprudenza l-aktar konsistenti kienet favur li jitqies li l-estradant f’dak il-każ kien ġie meqjus korrettement bħala persuna kkundannata, aktar milli akkużat għall-finijiet tal-Att dwar l-Estradizzjoni. Meta l-Qorti Rimandanti tiġi biex tiddetermina jekk każ ikunx wieħed ta’ akkuża jew każ ta’ kundanna, dik il-Qorti trid bħala regola tqis id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Awtorità Ġudizzjarja li tagħmel it-talba għaċ-ċediment tal-persuna rikjesta fir-rigward tal-posizzjoni tal-Liġi ta’ dak il-pajjiż u li mhux rekwiżit li kundanna għandha tkun finali fis-sens li tkun irrevokabbli biex persuna tiġi ttrattata bħala ħatja. Is-Supreme Court irrikjediet li Mandat t’Arrest Ewropew bażat fuq kundanna għandu jkun fih dettalji biżżejjed biex il-persuna rikjesta jkollha dettalji suffiċjenti taċ-ċirkustanzi tar-reati li tiegħu tkun ġiet misjuba ħatja biex tkun tista’ tifhem sew għalxiex tkun ġiet ikkundannata u sentenzjata. Dan jippermettilha tikkunsidra jekk ikunux japplikaw xi restrizzjonijiet għall-estradizzjoni favur tagħha.

[4] [2019] UKSC 8 appell minn [2017] EWHC 2360 (Admin).

86. Inoltre, b'riferenza għall-kwistjoni ta' f'liema ċirkostanzi jkun jista' jingħad li r-ritorn lura tal-estradant ikun inġust jew oppressiv minħabba t-trapass taż-żmien, is-Supreme Court ikkunsidrat li kien hemm differenza bejn proċediment bażat fuq każ ta' akkuża (fejn iż-żmien jibda miż-żmien tar-reat allegat) u l-każ ta' kundanna (fejn it-trapass taż-żmien jibda jitqies miż-żmien tal-kundanna).

87. Fil-każ deċiż mill-Qorti fir-Renju Unit fl-ismijiet **Kakis vs. Government of Cyprus**[5] Lord Diplock kien tenna li d-dewmien fil-bidu jew it-tmexxija ta' proċeduri ta' estradizzjoni li jinġieb mill-akkużat innifsu, billi jaħrab mill-pajjiż, jaħbi fejn jinsab jew jevadi l-arrest ma jistax jiġi invokat bħala raġuni biex jitqies li huwa jew inġust jew oppressiv li huwa jiġi mibgħut lura lejn il-pajjiż rikjedent. Kwalunkwe diffikultajiet li jista' jiltaqa' magħhom fit-tmexxija tad-difiża tiegħu bħala konsegwenza tad-dewmien minħabba kawżi bħal dawn huma meqjusa li ġabhom b'idejh stess grazzi għal dawk l-għażliet tiegħu. Ħlief fl-aktar ċirkustanzi eċċezzjonali, la jkun inġust u lanqas oppressiv li hu jkun meħtieġ li jiġi ritornat f'dawk iċ-ċirkostanzi.

88. Fil-każ **Wisniewski vs. Poland,**[6] Lord Lloyd Jones qal li fejn persuna tkun konxjament begħdet lilha nnifisha mill-lok fejn ikun ittieħed proċess legali kontriha hija ma tistax tinvoka l-mogħdija taż-żmien li tirriżulta minn tali aġir min-naħa tagħha biex tieħu vantaġġ, bl-argument li minħabba d-dekors taż-żmien ikun inġust jew oppressiv li jiġi estradit. Stante li fil-Liġi Ingliża l-kunċett ta' "fugitive criminal" mhux daqshekk deskritt b'mod ċar bħal ma huwa l-kuntest Malti, dik il-Qorti qalet li l-applikabbilita tal-prinċipju ta' fugitive criminal fil-kuntest taż-żmien li jkun iddekorra minn meta huwa jkun sar fugitiv, ikun irid jittieħed każ b'każ. Fil-fatt, fil-każ **Pillar-Neumann vs Public Prosecutor's Office of Klagenfurt, Austria**[7] intqal li l-kwistjoni prinċipali u essenzjali li trid tiġi determinata f'kull każ hija jekk l-estradant ikunx volontarjament u konxjament qiegħed lilu nnifsu fi stat tali li jmur il-bogħod minn fejn ikun jista' jintlaħaq bl-effetti tal-proċess li jkun sar kontrih ossija "whether the Requested Person has knowingly placed himself beyond the reach of legal process". Fi ftit kliem l-estradant ikun irid għamel xi azzjoni pożittiva li minħabba fiha jaħrab proċeduri kriminali jew l-effetti u l-konsegwenzi ta' sejbien ta' ħtija kontrih minn Qorti ta' Ġustizzja Kriminali.

[5] (1978)1 WLR
[6] [2016] EWHC 386 (Admin).
[7] [2017] EWHC 3371 (Admin)

89. Dan jista' jseħħ billi l-estradant jitlaq il-barra minn artu jew mill-pajjiż fejn ikun ġie misjub ħati, jabskondi jew jinħeba, jew jevadi l-arrest tiegħu eċċetra eċċetra f'kuntest fejn huwa jkun jaf u jkun konxju li f'dak il-pajjiż li telaq minnu kien hemm proċeduri kriminali kontra tiegħu jew saħansitra kien hemm sentenza ta' Qorti ta' Ġustizzja Kriminali kontra tiegħu. Ara f'dan is-sens ukoll **Versluis vs. The Netherlands.**[8]

90. Mod iżjed analitiku ta' kif dan l-istħarriġ għandu jsir huwa provdut mill-analiżi tal-Imħallef Fordham f'**Makowska vs. Poland**,[9] fejn jingħad is-segwenti:

> In grappling with the idea of fugitivity, expressed in the authorities which were cited and to which I have referred, I have found it helpful to think in particular about the following three linked themes:
> (i) locational dynamism;
> (ii) informational deficit; and
> (iii) intended consequential elusiveness.
>
> That is not to say that these are elements of a litmus test; nor that all three themes can be expected to be present. A person whose location changes, with a lack of information, becoming elusiveness can be seen as a paradigm case of a fugitive. These themes, or some of them at least, can be seen to be met by each of the following situations: a person who flees the country; a person who conceals their whereabouts; a person who evades arrest; a person whose act of leaving a country knowingly prevents themselves from performing obligations; a person who ceases contact with authorities so as to become a person whose whereabouts are unknown to those authorities and cannot be dealt with by those authorities; a person whose actions are the cause of any delays in their pursuit by the authorities.
>
> These themes, as it seems to me, reflect the ordinary and natural meaning of the word 'fugitive'. They link directly to the underlying idea of extradition delays being consequential upon the individual's own choices, with what are, in effect, penalising consequences for the individual in an analysis of the extradition circumstances, under the law.

91. Din l-idea ssegwi dik mistqarra minn Lord Laws f'**La Torre vs. Italy**,[10] fejn qal li "The extraditee cannot take advantage of delay for which he is himself responsible". Imbagħad fil-każ **HH and others**

[8] [2019] EWHC 764 (Admin)
[9] (2020) EWHC 2371 (Admin)
[10] [2007] EWHC 1370

**vs. Deputy Prosecutor of Genoa Italy and others**[11] Lady Hale stqarret:

> There is a constant and weighty public interest in extradition: that people accused of crimes should be brought to trial; that people convicted of crimes should serve their sentences; that the United Kingdom should honour its treaty obligations to other countries; and that there should be no "safe havens" to which either can flee in the belief that they will not be sent back. (5) That public interest will always carry great weight, but the weight to be attached to it in the particular case does vary according to the nature and seriousness of the crime or crimes involved.

92. Allura f'dawn il-kuntesti, l-fatturi ta' interess pubbliku favur l-estradizzjoni jegħlbu l-kunsiderazzjonijiet tal-familja u tal-ħajja privata tal-estradant, anke meta jitqies id-dewmien, li xi drabi jista' jkun konsiderevoli. Fil-fatt fir-rigward tat-tifsira li tingħata lit-termini "unjust or oppressive" fil-każ **Gomes vs. Trinidad and Tobago** il-House of Lords ikkunsidrat hekk:

> 8. The decision of the House in *Kakis* lies at the very heart of this appeal and must be referred to at this stage. Kakis's extradition was sought by Cyprus in relation to an EOKA killing in April 1973. Although a warrant for Kakis's arrest had been issued that very night, he had escaped into the mountains and remained hidden for 15 months. Subsequently, in circumstances we need not recount, he settled in England with the apparent approval of the Cyprus Government and so too did a Mr Alexandrou, Kakis's only alibi witness, who swore that he would not return to give evidence in Cyprus. It was these two circumstances, the first going to oppression, the second to injustice, that ultimately led the House to allow Kakis's appeal against the Divisional Court's refusal to discharge him under section 8(3) of the Fugitive Offenders Act 1967 (a provision materially indistinguishable from section 82):
>
> ". . . the High Court . . . may . . . order the person committed to be discharged from custody if it appears to the court that . . . (b) by reason of the passage of time since he is alleged to have committed [the offence] . . . it would, having regard to all the circumstances, be unjust or oppressive to return him."
>
> 19. Critically for present purposes, however, Lord Diplock in giving the leading speech said this:
>
> "'Unjust' I regard as directed primarily to the risk of prejudice to the accused in the conduct of the trial itself, 'oppressive' as directed to hardship to the accused resulting from change in his circumstances that have occurred during the period to be taken into consideration; but there is room for overlapping, and between them they would cover all cases where to return

[11] [2012] UKSC 25

him would not be fair. Delay in the commencement or conduct of extradition proceedings which is brought about by the accused himself by fleeing the country, concealing his whereabouts or evading arrest cannot, in my view, be relied upon as a ground for holding it to be either unjust or oppressive to return him. Any difficulties that he may encounter in the conduct of his defence in consequence of the delay due to such causes are of his own choice and making. Save in the most exceptional circumstances it would be neither unjust nor oppressive that he should be required to accept them.

As respects delay which is not brought about by the acts of the accused himself, however, the question of where responsibility lies for the delay is not generally relevant. What matters is not so much the cause of such delay as its effect; or, rather, the effects of those events which would not have happened before the trial of the accused if it had taken place with ordinary promptitude. So where the application for discharge under section 8(3) is based upon the "passage of time" under paragraph (b) and not on absence of good faith under paragraph (c), the court is not normally concerned with what could be an invidious task of considering whether mere inaction of the requisitioning government or its prosecuting authorities which resulted in delay was blameworthy or otherwise. Your Lordships have no occasion to do so in the instant case." (pp782-783).

For convenience I shall hereafter refer to these paragraphs respectively as Diplock para 1 and Diplock para 2. Lord Diplock continued:

"the failure of the prosecuting authorities to begin criminal proceedings against Mr Kakis during the first fifteen months until the coup in July 1974 was due to his own action in going into hiding in the mountains. So the starting point for the period of time that requires to be considered is July 1974."

20. All the other members of the Committee agreed with Diplock para 1; indeed, Lord Russell of Killowen and Lord Scarman agreed with the whole of Lord Diplock's speech. Lord Edmund-Davies, however, was "unable to concur" in Diplock para 2:

"In my respectful judgement, on the contrary, the answer to the question of where responsibility lies for the delay may well have a direct bearing on the issues of injustice and oppression. Thus, the fact that the requesting government is shown to have been inexcusably dilatory in taking steps to bring the fugitive to justice may serve to establish both the injustice and the oppressiveness of making an order for his return, whereas the issue might be left in some doubt if the only known fact related to the extent of the passage of time, and it has been customary in practice to advert to that factor: see, for example, *Reg v Governor of Pentonville Prison, ex parte Teja* [1971] 2 QB 274, 290, per Lord Parker CJ and the speeches in this House in *Reg v Governor of Pentonville Prison*, *ex parte Narang* [1978] AC 247." (p.785)

Lord Keith of Kinkel (dissenting in the result) also appears to have disagreed with Diplock para 2: "the case of *Narang* 1978 AC 247 also indicates that it may be relevant to consider the extent to which the passage

of time has been due to dilatoriness on the part of the requesting authority." (p787), *Narang* had been decided by the House just a year earlier, the speeches there being entirely consistent with Diplock para 1 but two or three of them indeed lending some support to Lord Edmund- Davies's and Lord Keith's disagreement with Diplock para 2.

21. The certified question principally concerns Diplock para 1, notably that part of it which states that, "[s]ave in the most exceptional circumstances", "[d]elay in the commencement or conduct of extradition proceedings which is brought about by the accused himself by fleeing the country, concealing his whereabouts or evading arrest cannot . . . be relied upon as a ground for holding it to be either unjust or oppressive to return him". In other words, the accused cannot pray in aid what would not have happened but for the additional passage of time for which he is responsible. (In speaking of "[d]elay in the commencement or conduct of extradition proceedings" Lord Diplock was clearly referring to delay in the overall process of bringing the suspect to justice, including delay before any question of extradition arose. That, after all, was the position in Kakis itself: the fifteen months to be disregarded was the period the suspect was hiding out in Cyprus before ever he left for the UK.)

22. Diplock para 2, raising as it does the question whether dilatoriness on the part of the requesting state can ever be of relevance (the question which divided the House), expressly postulates that the delay "is not brought about by the acts of the accused himself". If it is, then the question of blameworthiness on the state's part simply does not rise.

23. As may be seen from the passages in the judgment below (set out at para 4 above) the Divisional Court made no such distinction between the two paragraphs. Rather, in para 17, they invoked Lord Edmund-Davies's reasoning in respect of Diplock para 2 to dilute the effect of Diplock para 1 and in all three of the quoted paragraphs they considered the position arising when both the accused and the state are to be regarded as at fault: para 17 refers to "concurrent fault", para 19 to having regard to "the respective faults" of both and para 21 to "both sides [being] to blame".

24. It would necessarily follow from the Divisional Court's judgment that in a case like Goodyer's—where plainly he delayed the commencement of extradition proceedings (or rather created the need for them and thereby delayed the overall process of justice) by fleeing Trinidad but where Trinidad too may be regarded as blameworthy for having lost the file—the accused could rely on part at least of the period following his flight in seeking to make good his case for a section 82 bar to extradition.

25. In support of this approach the Divisional Court sought to rely on two cases in particular: *Osman (No.4)* [1992] 1 AER 579 and *La Torre v Italy* [2007] EWHC 137 (Admin). As explained in *Krzyzowski*, however, it is clear that neither authority in fact seeks to qualify in any way the clear ruling contained in Diplock para 1 (nor, of course, could they properly have done so). Rather they are directed at Diplock para 2 and conclude, in cases where the extraditee himself has not been responsible for the delay: "Culpable delay on the part of the state may certainly colour that judgment

[as to whether it would be unjust or oppressive to extradite him by reason of the passage of time] and may sometimes be decisive, not least in what is otherwise a marginal case (as Lord Woolf [then Woolf LJ] said in *Osman (No 4)*).”—Laws LJ in *La Torre* at para 37, in effect adopting the minority view expressed by the House in Kakis.

26. True it is that Laws LJ then added: “An overall judgment on the merits is required, unshackled by rules with too sharp edges.” If, however, this was intended to dilute the clear effect of Diplock para 1, we cannot agree with it. This is an area of the law where a substantial measure of clarity and certainty is required. If an accused like Goodyer deliberately flees the jurisdiction in which he has been bailed to appear, it simply does not lie in his mouth to suggest that the requesting state should share responsibility for the ensuing delay in bringing him to justice because of some subsequent supposed fault on their part, whether this be, as in his case, losing the file, or dilatoriness, or, as will often be the case, mere inaction through pressure of work and limited resources. We would not regard any of these circumstances as breaking the chain of causation (if this be the relevant concept) with regard to the effects of the accused’s own conduct. Only a deliberate decision by the requesting state communicated to the accused not to pursue the case against him, or some other circumstance which would similarly justify a sense of security on his part notwithstanding his own flight from justice, could allow him properly to assert that the effects of further delay were not “of his own choice and making".

93. F’dan il-każ, kif intwera iżjed il-fuq, il-fatt li:

(a) l-Prosekutur Pubbliku Bulgaru wera li hemm sentenza mogħtija kontra l-estradant sa’ mis-26 ta’ Marzu 2013 u li kienet għadha pendenti fuq l-estradant in kwantu kienet għad trid tiġi eżegwita;

(b) magħqud mal-fatt li l-estradant, huwa ritenibbli fis-sens tal-Liġi Maltija bħala “persuna kriminali maħruba”: in kwantu huwa persuna li ġiet misjuba ħatja ta’ reat ta’ estradizzjoni li jkun ġie magħmul fil-ġurisdizzjoni ta’ xi pajjiż li ma jkunx Malta li tkun qiegħda f’Malta;

(c) magħqud ulterjorment mal-fatt li dan l-istatus tiegħu huwa msejjes fuq il-fatt li, konxju tal-kundanna kriminali kontra tiegħu fl-2012, xorta għażel li jitlaq mill-Bulgarija qabel ma ntemm l-appell minn dik is-sentenza u rħielha lejn tliet pajjiżi differenti b’mod li bil-kemm reġa’ rifes fuq l-art Bulgara, art twelidu,

turi li bl-imġieba deliberata u konxja tiegħu huwa ma ppermettiex lil kors tal-Ġustizzja Bulgara titwettaq u ħoloq ostakoli għall-eżekuzzjoni tas-sentenza bil-fatt li huwa telaq minn dak il-pajjiż fejn kien twieled, għex u trabba u kif ġie spjegat, f’medda ta’ disa’ snin –

magħduda wkoll is-sena minn meta inħareġ il-Mandat t'Arrest Ewropew - biddel tliet pajjiżi ta' residenza oħra.

93. F'dan il-kuntest, din il-Qorti ma tqisx li allura li jkun inġust jew oppressiv li l-estradizzjoni tiegħu tissokta. Dan l-aggravju għalhekk qiegħed ukoll jiġi miċħud.

# DECIDE

Peress li ma hemmx aktar ilmenti x'jiġu deċiżi, il-Qorti, għalhekk:

(a) tiċħad l-appell tar-rikorrent fejn talab it-tħassir tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti tas-27 ta' Ġunju 2022 li ordnat it-treġġigħ lura tal-estradant TENEV;

(b) tikkonferma d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti tas-27 ta' Ġunju 2022 li ordnat il-konsenja ta' Tencho Gospodinov TENEV lill-Awtoritajiet Ġudizzjarji tar-Repubblika tal-Bulgarija;

(c) u tordna li l-appellant Tencho Gospodinov TENEV jinżamm taħt arrest biex jistenna r-ritorn tiegħu fir-Repubblika tal-Bulgarija;

(d) fi kwalunkwe każ din id-deċiżjoni hija soġġetta għar-regola tal-ispeċjalita';

(e) filwaqt li mhux se jiġi estradit qabel ma jiskadi l-perjodu meħtieġ, jekk huwa tal-fehma li xi dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, hija, kienet jew x'aktarx li tiġi miksura fir-rigward tal-persuna tiegħu hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-qorti, hija ghandha jedd titlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja skont il-każ.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**